Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0212(COD)

19.12.2025

EMENDI
505 - 798

Abbozz ta' rapport
Fernando Navarrete Rojas
(PE778.136v01-00)

L-istabbiliment tal-euro diġitali

Proposta għal regolament
(COM(2023)0369 – C9-0219/2023 – 2023/0212(COD))

Emenda 505
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jistgħu jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet diġitali billi jippermettu l-awtentikazzjoni, l-identifikazzjoni u l-iskambju ta' attributi li jinkludu liċenzji u ċertifikati. Jenħtieġ li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jikkontribwixxu għall-aċċess universali effettiv għall-euro diġitali u għall-użu tiegħu. Jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali bbażati fuq standards u fuq prattiki komuni stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jkollha salvagwardji b'saħħithom u speċifiċi sabiex tiżgura l-protezzjoni tad-data u l-privatezza u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà ta' livell għoli. Għalhekk, is-soluzzjonijiet front-end li għandhom jiġu żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li jikkunsidraw kif xieraq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jirregolaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Dan ikun jippermetti l-interoperabbiltà rilevanti mal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali li jippermettu l-kapitalizzazzjoni ta' dawn il-benefiċċji. Fuq il-bażi tal-għażla tal-utenti, jenħtieġ li l-interoperabbiltà mal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tippermetti wkoll it-twettiq tad-diliġenza dovuta tal-klijenti skont ir-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/421 final). Barra minn hekk, sabiex jiksbu esperjenza koerenti għall-klijenti, l-intermedjarji jistgħu jagħżlu li jintegraw bis-sħiħ is-servizzi front-end tal-euro diġitali tagħhom fl-**	***imħassar***

ispeċifikazzjonijiet li jirregolaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.

Or. en

Emenda 506
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Jenħtieġ li, jekk ikunu jixtiequ hekk, l-utenti jkunu jistgħu jawtorizzaw il-pagamenti bl-euro diġitali billi jużaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu obbligati jaċċettaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-verifika tal-identitajiet tal-klijenti kemm prospettivi kif ukoll eżistenti, f'konformità mar-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/421 final). Sabiex jiġi ffaċilitat il-ftuħ ta' kontijiet bl-euro diġitali madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jiddependu wkoll fuq attestazzjonijiet kwalifikati pprovduti mill-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, inkluż għat-twettiq tad-diliġenza dovuta tal-klijent mill-bogħod. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jaċċettaw ukoll l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jekk il-pagatur ikun jixtieq juża l-kartiera għall-awtorizzazzjoni ta' pagament ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali. Barra minn hekk, sabiex jiġu ffaċilitati l-pagamenti ta' prossimità offline bl-euro diġitali, jenħtieġ li jkun possibbli li jintużaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-ħżin tal-euro diġitali fl-apparat ta' pagament.	***imħassar***

Emenda 507
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess, jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista' jwettaq tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament involuti u mis-servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f'dak is-suq, u l-iżvilupp ta' strumenti ta' pagament madwar l-Unjoni f'konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, ***jenħtieġ li,*** sa fejn ikun possibbli**,** l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati, f'kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B'mod partikolari, ***jenħtieġ li l-Bank*** Ċentrali Ewropew ***jfittex li*** jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fil-punt ta' interazzjoni, u f'pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta' standards miftuħin, ta' regoli komuni u ta' proċessi, u possibbilment ta' infrastrutturi kondiviżi, ***jista'*** jappoġġa kompatibbiltà bħal din. ***Filwaqt*** li jistgħu jiġu ingranati s-soluzzjonijiet eżistenti meta soluzzjonijiet	(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess***, filwaqt li jiġu żgurati konsultazzjonijiet frekwenti u dettaljati mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha,*** jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista' jwettaq tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament involuti u mis-servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f'dak is-suq, u l-iżvilupp ta' strumenti ta' pagament madwar l-Unjoni f'konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, sa fejn ikun possibbli l-euro diġitali ***għandu*** jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati, f'kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B'mod partikolari, ***il-Bank*** Ċentrali Ewropew ***għandu*** jiżgura***, sa fejn ikun possibbli,*** li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fil-punt ta' interazzjoni***, li jinkludu l-punt tal-bejgħ, il-kummerċ elettroniku, il-kummerċ bil-mowbajl, kif ukoll ambjenti ta' prendituri li jistgħu jagħtu lok għal żviluppi ta' pagamenti bl-imnut futuri*** u f'pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom

bħal dawn jitqiesu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-kompatibbiltà, b'mod partikolari fid-dawl tal-minimizzazzjoni tal-kostijiet ġenerali tal-adattament, jenħtieġ li tali soluzzjonijiet eżistenti ma joħolqux dipendenzi żejda li jistgħu jipprevjenu l-adattament tal-euro diġitali għal teknoloġiji ġodda jew ikunu inkompatibbli mal-karatteristiċi tal-euro diġitali. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u mingħajr ma jingħata xi dritt eżegwibbli lill-operaturi tas-suq, ***jenħtieġ li l-Bank*** Ċentrali Ewropew ***jfittex li*** jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati ***fuq bażi tal-aħjar sforzi u meta jitqies xieraq***.

il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta' standards miftuħin, ta' regoli komuni u ta' proċessi, u possibbilment ta' infrastrutturi kondiviżi, ***jenħtieġ li*** jappoġġa kompatibbiltà bħal din. ***Minħabba*** li jistgħu jiġu ingranati s-soluzzjonijiet eżistenti meta soluzzjonijiet bħal dawn jitqiesu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-kompatibbiltà, b'mod partikolari fid-dawl tal-minimizzazzjoni tal-kostijiet ġenerali tal-adattament***, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiżgura li standards tekniċi rilevanti għall-euro diġitali jiġu ppubblikati ferm qabel il-ħruġ tal-euro diġitali sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-adozzjoni tal-istandards ġodda mill-operaturi tas-suq u s-soluzzjonijiet privati. Madankollu***, jenħtieġ li tali soluzzjonijiet eżistenti ma joħolqux dipendenzi żejda li jistgħu jipprevjenu l-adattament tal-euro diġitali għal teknoloġiji ġodda jew ikunu inkompatibbli mal-karatteristiċi tal-euro diġitali. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u mingħajr ma jingħata xi dritt eżegwibbli lill-operaturi tas-suq, ***il-Bank*** Ċentrali Ewropew ***għandu*** jiżgura***, sa fejn ikun possibbli,*** li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati ***u għandu jiżgura li l-euro diġitali jaqbel mal-prattiki tas-suq***. ***Tali kompatibbiltà mas-soluzzjonijiet tas-suq hija kruċjali għall-adozzjoni ta' standards komuni barra miż-żona tal-euro, fl-UE kollha kemm hi.***

Or. en

Emenda 508
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza	(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza

armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess, jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista' jwettaq tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament involuti u mis-servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f'dak is-suq, u l-iżvilupp ta' strumenti ta' pagament madwar l-Unjoni f'konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati, f'kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fil-punt ta' interazzjoni, u f'pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta' standards miftuħin, ta' regoli komuni u ta' proċessi, u possibbilment ta' infrastrutturi kondiviżi, jista' jappoġġa kompatibbiltà bħal din. ***Filwaqt li jistgħu jiġu ingranati s-soluzzjonijiet eżistenti meta soluzzjonijiet bħal dawn jitqiesu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-kompatibbiltà, b'mod partikolari fid-dawl tal-minimizzazzjoni tal-kostijiet ġenerali tal-adattament, jenħtieġ li tali soluzzjonijiet eżistenti ma joħolqux dipendenzi żejda li jistgħu jipprevjenu l-adattament tal-euro diġitali għal teknoloġiji ġodda jew ikunu inkompatibbli mal-karatteristiċi tal-euro diġitali. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u mingħajr ma jingħata xi dritt eżegwibbli lill-operaturi tas-suq, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-***

armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess, jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista' jwettaq tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament involuti u mis-servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f'dak is-suq, u l-iżvilupp ta' strumenti ta' pagament madwar l-Unjoni f'konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati, f'kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fil-punt ta' interazzjoni, u f'pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta' standards miftuħin, ta' regoli komuni u ta' proċessi, u possibbilment ta' infrastrutturi kondiviżi, jista' jappoġġa kompatibbiltà bħal din.

euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fuq bażi tal-aħjar sforzi u meta jitqies xieraq.

Or. en

Emenda 509
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess, jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista' jwettaq tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament involuti u mis-servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f'dak is-suq, u l-iżvilupp ta' strumenti ta' pagament madwar l-Unjoni f'konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati, f'kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fil-punt ta' interazzjoni, u f'pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta' standards miftuħin,	(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess, jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista' jwettaq tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament involuti u mis-servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f'dak is-suq, u l-iżvilupp ta' strumenti ta' pagament madwar l-Unjoni f'konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati, f'kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fil-punt ta' interazzjoni, u f'pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta' standards miftuħin,

ta’ regoli komuni u ta’ proċessi, u possibbilment ta’ infrastrutturi kondiviżi, jista’ jappoġġa kompatibbiltà bħal din. Filwaqt li jistgħu jiġu ingranati s-soluzzjonijiet eżistenti meta soluzzjonijiet bħal dawn jitqiesu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-kompatibbiltà, b’mod partikolari fid-dawl tal-minimizzazzjoni tal-kostijiet ġenerali tal-adattament, jenħtieġ li tali soluzzjonijiet eżistenti ma joħolqux dipendenzi żejda li jistgħu jipprevjenu l-adattament tal-euro diġitali għal teknoloġiji ġodda jew ikunu inkompatibbli mal-karatteristiċi tal-euro diġitali. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u mingħajr ma jingħata xi dritt eżegwibbli lill-operaturi tas-suq, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma’ soluzzjonijiet ta’ pagament diġitali privati fuq bażi tal-aħjar sforzi u meta jitqies xieraq.

ta’ regoli komuni u ta’ proċessi, u possibbilment ta’ infrastrutturi kondiviżi, jista’ jappoġġa kompatibbiltà bħal din. ***B’mod speċifiku, il-BĊE jenħtieġ li jagħti preferenza lill-użu ta’ standards miftuħin meta tali standards ikunu disponibbli.*** Filwaqt li jistgħu jiġu ingranati s-soluzzjonijiet eżistenti meta soluzzjonijiet bħal dawn jitqiesu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-kompatibbiltà, b’mod partikolari fid-dawl tal-minimizzazzjoni tal-kostijiet ġenerali tal-adattament, jenħtieġ li tali soluzzjonijiet eżistenti ma joħolqux dipendenzi żejda li jistgħu jipprevjenu l-adattament tal-euro diġitali għal teknoloġiji ġodda jew ikunu inkompatibbli mal-karatteristiċi tal-euro diġitali. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u mingħajr ma jingħata xi dritt eżegwibbli lill-operaturi tas-suq, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma’ soluzzjonijiet ta’ pagament diġitali privati fuq bażi tal-aħjar sforzi u meta jitqies xieraq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tirrifletti l-bidla fl-Artikolu 26.

Emenda 510
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista’ jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess, jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista’ jwettaq tranżazzjonijiet	(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista’ jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess, jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista’ jwettaq tranżazzjonijiet

ta’ pagament bl-euro diġitali ma’ kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-forniturи ta’ servizzi ta’ pagament involuti u mis-servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f’dak is-suq, u l-iżvilupp ta’ strumenti ta’ pagament madwar l-Unjoni f’konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li***, sa fejn ikun possibbli,*** l-euro diġitali jkun kompatibbli ma’ soluzzjonijiet ta’ pagament diġitali privati, f’kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma’ soluzzjonijiet ta’ pagament diġitali privati fil-punt ta’ interazzjoni, u f’pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta’ standards miftuħin, ta’ regoli komuni u ta’ proċessi, u possibbilment ta’ infrastrutturi kondiviżi, jista’ jappoġġa kompatibbiltà bħal din. Filwaqt li jistgħu jiġu ingranati s-soluzzjonijiet eżistenti meta soluzzjonijiet bħal dawn jitqiesu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-kompatibbiltà, b’mod partikolari fid-dawl tal-minimizzazzjoni tal-kostijiet ġenerali tal-adattament, jenħtieġ li tali soluzzjonijiet eżistenti ma joħolqux dipendenzi żejda li jistgħu jipprevjenu l-adattament tal-euro diġitali għal teknoloġiji ġodda jew ikunu inkompatibbli mal-karatteristiċi tal-euro diġitali. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u mingħajr ma jingħata xi dritt eżegwibbli lill-operaturi tas-suq, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma’ soluzzjonijiet ta’ pagament diġitali privati fuq bażi tal-aħjar sforzi u meta jitqies xieraq.

ta’ pagament bl-euro diġitali ma’ kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-forniturи ta’ servizzi ta’ pagament involuti u mis-servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f’dak is-suq, u l-iżvilupp ta’ strumenti ta’ pagament madwar l-Unjoni f’konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun kompatibbli ***għalkollox u bla xkiel*** ma’ soluzzjonijiet ta’ pagament diġitali privati, f’kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma’ soluzzjonijiet ta’ pagament diġitali privati fil-punt ta’ interazzjoni, u f’pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta’ standards miftuħin, ta’ regoli komuni u ta’ proċessi, u possibbilment ta’ infrastrutturi kondiviżi, jista’ jappoġġa kompatibbiltà bħal din***. Meta jkunu disponibbli, il-BĊE jenħtieġ li jagħti preferenza għal standards miftuħin***. Filwaqt li jistgħu jiġu ingranati s-soluzzjonijiet eżistenti meta soluzzjonijiet bħal dawn jitqiesu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-kompatibbiltà, b’mod partikolari fid-dawl tal-minimizzazzjoni tal-kostijiet ġenerali tal-adattament, jenħtieġ li tali soluzzjonijiet eżistenti ma joħolqux dipendenzi żejda li jistgħu jipprevjenu l-adattament tal-euro diġitali għal teknoloġiji ġodda jew ikunu inkompatibbli mal-karatteristiċi tal-euro diġitali. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u mingħajr ma jingħata xi dritt eżegwibbli lill-operaturi tas-suq, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma’ soluzzjonijiet ta’ pagament diġitali privati fuq bażi tal-aħjar sforzi u meta jitqies xieraq.

Or. en

Emenda 511
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 59a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(59a) Kernel huwa biċċa ewlenija ta' software inkorporata f'terminali ta' pagamenti li timmaniġġja l-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti. Kernel jiżgura li t-terminal jista' jaqra u jawtentika data tal-kard jew tal-kartiera diġitali u jikkomunika ma' bażi ta' data permezz ta' network biex titlesta tranżazzjoni. Kernel anjostiku jirreferi għall-komponent tas-software ewlieni ta' sistema li jkun indipendenti minn standards, protokolli, fornituri, jew ambjenti esterni speċifiċi u li jaħdem irrispettivament minn Fornitur ta' Servizzi ta' Pagament (PSP), format ta' Interfaċċa ta' Pprogrammar Avvanzat (API), jew qafas regolatorju. L-iżviluppaturi jistgħu jibnu integrazzjonijiet madwaru b'diversi modi.

Or. en

Emenda 512
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 59b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(59b) L-introduzzjoni ta' kernel Ewropew, abbażi ta' standards tal-industrija maqbula b'mod komuni, li

jinstalla terminali ta' pagamenti fl-Ewropa li jappoġġaw tranżazzjonijiet tal-euro diġitali, hija fattur importanti tal-awtonomija strateġika. Dan jirriżulta f'sistema miftuħa, aċċessibbli għal skemi ta' pagamenti Ewropej reġjonali kif ukoll domestiċi, u b'hekk il-klijenti jkunu jistgħu jagħmlu pagamenti mingħajr kuntatt fiż-żona tal-euro kollha. L-effetti tan-network iġġenerati minn euro diġitali jiffunzjonaw bħala ben pubbliku, u jkunu ta' benefiċċju għal inizjattivi pubbliċi kif ukoll privati.

Or. en

Emenda 513
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Sabiex ***tiġi ffaċilitata s-soluzzjoni tat-tilwim***, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jipprovdi lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***u lill-utenti*** tal-euro diġitali ***b'appoġġ*** tekniku u funzjonali ***għas-soluzzjoni tat-tilwim, tal-anqas b'rabta ma' (pre) tilwim tekniku u dwar frodi***. It-tilwim tekniku jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet li fihom l-ammont tat-tranżazzjoni jvarja, meta jkun hemm duplikati, jew meta ***ma*** jkun hemm ***l-ebda awtorizzazzjoni*** jew validazzjoni minn qabel***.*** It-tilwim ***dwar frodi*** jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet ta' serq tal-identità, ta' frodi tal-identità ta' negozjant u ta' ***oġġetti kontrafatti***.	(60) Sabiex ***jiġu protetti l-konsumaturi, tinżamm il-fiduċja fl-euro diġitali u jsir kontribut għall-funzjonament xieraq tiegħu***, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jipprovdi ***appoġġ*** lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***biex jiffaċilita s-soluzzjoni qabel it-tilwim u tat-tilwim b'rabta ma' tranżazzjonijiet tal-pagamenti*** tal-euro diġitali ***online. Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jistabblixxu mekkaniżmi ta' appoġġ*** tekniku u funzjonali ***li jiffaċilitaw l-iskambju ta' messsaġġi bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament fid-dawl tas-soluzzjoni tat-tilwim skont id-Direttiva (UE) 2015/2366, bħala minimu, u jagħmu dawn il-mekkaniżmi disponibbli għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament. It-tilwim jista' jinħoloq f'għadd ta' sitwazzjonijiet, inklużi dawk li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali, bħal frodi b'rabta mal-pagamenti jew kwistjonijiet tekniċi, jew***

dawk relatati mal-oġġett jew mas-servizz sottostanti ta' tranżazzjoni. It-tilwim tekniku jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet li fihom l-ammont tat-tranżazzjoni jvarja, meta jkun hemm duplikati, jew meta jkun hemm ***kwistjoni b'awtorizzazzjoni*** jew validazzjoni minn qabel ***jew bil-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali.*** It-tilwim ***b'rabta mal-frodi ta' pagamenti*** jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet ta' serq tal-identità, ta' frodi tal-identità ta' negozjant u ta' ***frodi ta' impersonazzjoni tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament***. ***Il-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament jenħtieġ li jkunu meħtieġa biss li joffru servizzi ta' soluzzjoni tat-tilwim għal tilwim skont id-Direttiva (UE) 2015/2366. Dawn jistgħu, madankollu, jagħmlu użu mill-mekkaniżmi msemmija f'dan ir-Regolament għal servizzi tat-tilwim oħra għajr dawk skont id-Direttiva (UE) 2015/2366, mingħajr ma jkunu obbligati jipprovdu tali servizzi lill-utenti tal-euro diġitali. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jenħtieġ li ma jitolbux tariffi għall-forniment ta' servizzi qabel it-tilwim u tat-tilwim lill-utenti individwali. Il-forniment ta' servizzi qabel it-tilwim għandu jkun soġġett għall-imposta b'limitu massimu tas-servizz tan-negozjat filwaqt li tista' tintalab tariffa lin-negozjanti għall-proċessi tas-soluzzjoni tat-tilwim, sakemm din ma taqbiżx it-tariffa mitluba għal tali servizz għal mezz komparabbli ta' pagament. Mingħajr preġudizzju għall-funzjonijiet tal-banek ċentrali nazzjonali previsti f'leġiżlazzjonijiet oħra jew l-involviment tagħhom fi proċeduri alternattivi tas-soluzzjoni tat-tilwim, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali ma għandhomx jaġixxu bħala parti fi kwalunkwe minn dak it-tilwim. Skemi ta' pagament komparabbli, b'mod partikolari dawk li joperaw b'mod transfruntier, għandhom stabbiliti mekkaniżmi ta' soluzzjoni tat-tilwim simili u joffru appoġġ sinifikanti lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fis-***

	soluzzjoni tat-tilwim, inkluż għat-tilwim kummerċjali.

Or. en

Emenda 514
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Sabiex tiġi ffaċilitata s-soluzzjoni tat-tilwim, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jipprovdi lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament u lill-utenti tal-euro diġitali b'appoġġ tekniku u funzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim, tal-anqas b'rabta ma' (pre) tilwim tekniku ***u*** dwar frodi. It-tilwim tekniku jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet li fihom l-ammont tat-tranżazzjoni jvarja, meta jkun hemm duplikati, jew meta ma jkun hemm l-ebda awtorizzazzjoni jew validazzjoni minn qabel. It-tilwim dwar frodi jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet ta' serq tal-identità, ta' frodi tal-identità ta' negozjant u ta' oġġetti kontrafatti.	(60) Sabiex tiġi ffaċilitata s-soluzzjoni tat-tilwim, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jipprovdi lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament u lill-utenti tal-euro diġitali b'appoġġ tekniku u funzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim, tal-anqas b'rabta ma' (pre) tilwim tekniku***,*** dwar frodi ***u kummerċjali***. It-tilwim tekniku jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet li fihom l-ammont tat-tranżazzjoni jvarja, meta jkun hemm duplikati, jew meta ma jkun hemm l-ebda awtorizzazzjoni jew validazzjoni minn qabel. It-tilwim dwar frodi jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet ta' serq tal-identità, ta' frodi tal-identità ta' negozjant u ta' oġġetti kontrafatti.

Or. en

Emenda 515
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 60a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(60a) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni koerenti tal-Ġabra ta' Regoli li tirregola l-operazzjoni tal-euro diġitali, u fid-dawl tar-rwol tal-Bank Ċentrali Ewropew

bħala l-operatur tal-infrastruttura tal-euro diġitali online u bħala d-disinjatur tal-apparat tal-euro diġitali offline u dak li jistabbilixxi l-istandards għal dan l-apparat, jenħtieġ li t-tilwim fost il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jinħoloq mill-applikazzjoni ta' dak il-Ġabra ta' Regoli jiġi deċiż fi ħdan funzjoni waħda ta' soluzzjoni ta' tilwim li titwettaq minn kumitat indipendenti b'rappreżentanti kemm mill-Bank Ċentrali Ewropew kif ukoll minn PSPs parteċipanti, fuq bażi kuntrattwali ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali. Dan l-arranġament jipprevedi allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet, ibbażata fuq rabta kawżali bejn il-forniment tal-infrastruttura mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-applikazzjoni tal-Ġabra ta' Regoli u kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta minnhom. Sabiex tiġi salvagwardjata l-imparzjalità, il-Kumitat jenħtieġ li jopera b'regoli interni u b'qafas ta' governanza li jiżgura s-separazzjoni operazzjonali u l-indipendenza sħiħa mill-Bank Ċentrali Ewropew. Id-deċiżjonijiet adottati f'dan il-kuntest jenħtieġ li jorbtu lill-fornituri parteċipanti permezz tal-impenji kuntrattwali tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-aċċess għar-rimedji ġudizzjarji skont id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 516
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali bħala parti mis-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, jenħtieġ li l-	(61) Sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali bħala parti mis-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, jenħtieġ li l-

utenti tal-euro diġitali jiġu pprovduti b'servizzi front-end. ***Jenħtieġ li*** dawk l-utenti ***jkollhom il-possibbiltà*** li jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti ***mill-forniturі ta' servizzi ta' pagament u*** mill-Bank Ċentrali Ewropew***. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jagħżlu li jiddependu fuq*** servizzi ta' pagament front-end ipprovduti ***minn partijiet ikkonċernati oħrajn, inkluż il-Bank*** Ċentrali Ewropew, ***b'mod partikolari fil-każ li fih il-kost tal-iżvilupp u tal-operat ta' servizzi ta' pagament*** front-end***, li jinkludu applikazzjonijiet, ikun sproporzjonat***. Meta l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jagħżlu bejn servizzi front-end differenti, jenħtieġ li fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni li jintgħażel servizz partikolari front-end tibqa' f'idejn dawk l-utenti u jenħtieġ li ma tiġix imposta mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew ***mill-Bank Ċentrali Ewropew. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikollhom il-kapaċità li jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bil-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament tal-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti*** mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi aċċessata mill-BĊE permezz tas-soluzzjoni front-end tiegħu.

utenti tal-euro diġitali jiġu pprovduti b'servizzi front-end***, li josservaw l-ogħla standards tal-aċċessibbiltà, l-użu faċli mill-utent, is-sempliċità, l-inklużività u r-reżilenza***. ***Il-PSPs jenħtieġ li jagħtu dejjem lil*** dawk l-utenti ***l-possibbiltà*** li jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew***, sabiex jiżguraw li jkun hemm dejjem mod sempliċi kif tiġi aċċessata l-bażi monetarja - kif inhu l-każ illum bil-karti tal-flus.*** Servizzi ta' pagament front-end ipprovduti ***mill-Bank Ċentrali Ewropew jiżguraw esperjenza omoġenja fiż-żona tal-euro u jagħtu karatteristiċi ta' aċċessibbiltà lil hinn mill-istandards obbligatorji tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà, filwaqt li jiżguraw l-inklużjoni diġitali għall-persuni b'diżabbiltà, b'limitazzjonijiet funzjonali jew b'ħiliet diġitali limitati, u għall-persuni anzjani. Billi l-iżgurar tal-inklużjoni u r-reżiljenza diġitali huwa fl-interess pubbliku, il-PSPs kollha jenħtieġ li jappoġġaw is-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank*** Ċentrali Ewropew, ***biex jiġi evitat li deċiżjoni tal-PSP tillimita l-libertà tagħhom. Il-PSPs jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu wkoll is-servizzi*** front-end ***tagħhom stess, mingħajr ma jillimitaw l-għażliet tan-nies***. Meta l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jagħżlu bejn servizzi front-end differenti, jenħtieġ li fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni li jintgħażel servizz partikolari front-end tibqa' f'idejn dawk l-utenti u jenħtieġ li ma tiġix imposta mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi aċċessata mill-BĊE permezz tas-soluzzjoni front-end

tiegħu.

Or. en

Emenda 517
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali bħala parti mis-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jiġu pprovduti b'servizzi front-end. Jenħtieġ li dawk l-utenti jkollhom il-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament u mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jagħżlu li jiddependu fuq servizzi ta' pagament front-end ipprovduti minn partijiet ikkonċernati oħrajn, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari fil-każ li fih il-kost tal-iżvilupp u tal-operat ta' servizzi ta' pagament front-end, li jinkludu applikazzjonijiet, ikun sproporzjonat. Meta l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jagħżlu bejn servizzi front-end differenti, jenħtieġ li fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni li jintgħażel servizz partikolari front-end tibqa' f'idejn dawk l-utenti u jenħtieġ li ma tiġix imposta mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew mill-Bank Ċentrali Ewropew. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikollhom il-kapaċità li jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bil-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament tal-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw	(61) Sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali bħala parti mis-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jiġu pprovduti b'servizzi front-end. Jenħtieġ li dawk l-utenti jkollhom il-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament u mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jagħżlu li jiddependu fuq servizzi ta' pagament front-end ipprovduti minn partijiet ikkonċernati oħrajn, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari fil-każ li fih il-kost tal-iżvilupp u tal-operat ta' servizzi ta' pagament front-end, li jinkludu applikazzjonijiet, ikun sproporzjonat. Meta l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jagħżlu bejn servizzi front-end differenti, jenħtieġ li fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni li jintgħażel servizz partikolari front-end tibqa' f'idejn dawk l-utenti u jenħtieġ li ma tiġix imposta mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew mill-Bank Ċentrali Ewropew. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikollhom il-kapaċità li jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bil-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament tal-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw

miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi aċċessata mill-BĊE permezz tas-soluzzjoni front-end tiegħu.

miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' ***aċċessibbiltà, ta'*** sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi aċċessata mill-BĊE permezz tas-soluzzjoni front-end tiegħu. ***F'dak id-dawl, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li joffru servizzi front-end tal-euro diġitali jenħtieġ li jwettqu u jippubblikaw ukoll analiżi ta' kif se jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà.***

Or. en

Emenda 518
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) ***Sabiex tiġi evitata interferenza fir-relazzjonijiet mal-klijenti tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament u fir-rwol tagħhom fid-distribuzzjoni tal-euro diġitali, jenħtieġ li s-soluzzjonijiet front-end ippruvduti mill-Bank Ċentrali Ewropew ikunu limitati għall-provvista ta' interfaċċa bejn l-utenti tal-euro diġitali u l-infrastrutturi ta' pagament tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament. B'mod partikolari, l-Eurosistema ma jkollhiex relazzjoni kuntrattwali mal-utenti tal-euro diġitali anki jekk dawk l-utenti jużaw is-servizzi front-end ippruvduti mill-Bank Ċentrali Ewropew.*** Jenħtieġ li l-BĊE u l-forniturі ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi aċċessata mill-BĊE	(62) Jenħtieġ li l-BĊE u l-forniturі ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi aċċessata mill-BĊE permezz tas-soluzzjoni front-end tiegħu.

permezz tas-soluzzjoni front-end tiegħu.

Or. en

Emenda 519
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Sabiex joffru esperjenza mingħajr xkiel lill-utenti, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali b'servizzi front-end sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali jaraw li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali malajr u faċilment. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali jiġu mmarkati b'mod ċar bl-użu tal-logo uffiċjali tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali jiġu aċċessati permezz ta' waħda mill-paġni ewlenin tas-sit web fuq l-Internet jew permezz ta' applikazzjoni, jew permezz ta' kwalunkwe servizz ieħor front-end, fuq l-istess livell bħall-kontijiet ta' pagament tal-euro mhux diġitali.	(63) Sabiex joffru esperjenza mingħajr xkiel lill-utenti, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali b'servizzi front-end sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali jaraw li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali malajr u faċilment. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali jiġu mmarkati b'mod ċar bl-użu tal-logo uffiċjali tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali jiġu aċċessati permezz ta' waħda mill-paġni ewlenin tas-sit web fuq l-Internet jew permezz ta' applikazzjoni, jew permezz ta' kwalunkwe servizz ieħor front-end, fuq l-istess livell bħall-kontijiet ta' pagament tal-euro mhux diġitali. ***Jenħtieġ li tiġi offruta assistenza ddedikata li tippermetti lill-konsumaturi vulnerabbli jużaw is-servizzi bażiċi kollha. Is-servizzi jenħtieġ li jkunu allinjati mal-objettivi skont il-kodiċi ta' kondotta għall-aċċessibbiltà stabbilit fir-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali). Meta jintablu mill-utent, is-servizzi tal-euro diġitali jenħtieġ li jsiru disponibbli wkoll f'forma fiżika aċċessibbli, faċli u li tista' tingħaraf bħal kard, mingħajr ħlas.***

Or. en

Emenda 520
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Sabiex jiġi pprovdut saldu istantanju, it-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali kemm online kif ukoll offline, inkluż fil-kuntest tal-finanzjament u tad-definanzjament***, u bħala funzjonalitajiet kaskata u kaskata inversa***, jenħtieġ li jiġu saldati b'mod istantanju, fi ftit sekondi biss, f'ċirkostanzi normali. Is-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jenħtieġ li jsir fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali adottata mill-Eurosistema. Jenħtieġ li t-tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jiġu saldati fi ftit sekondi kif speċifikat fir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali jenħtieġ li jinkiseb fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-euro diġitali kkonċernat tal-pagatur u tal-prenditur fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali approvata mill-Bank Ċentrali Ewropew, irrispettivament minn jekk il-euros diġitali jkunux irreġistrati bħala bilanċi miżmumin jew unitajiet ta' valur, jew mit-teknoloġija użata. Jenħtieġ li l-infrastruttura diġitali għas-saldu bl-euro tfittex li tiżgura l-adattament għal teknoloġiji ġodda, inkluża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit.	(64) Sabiex jiġi pprovdut saldu istantanju, it-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali kemm online kif ukoll offline, inkluż fil-kuntest tal-finanzjament u tad-definanzjament, jenħtieġ li jiġu saldati b'mod istantanju, fi ftit sekondi biss, f'ċirkostanzi normali. Is-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jenħtieġ li jsir fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali adottata mill-Eurosistema. Jenħtieġ li t-tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jiġu saldati fi ftit sekondi kif speċifikat fir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali jenħtieġ li jinkiseb fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-euro diġitali kkonċernat tal-pagatur u tal-prenditur fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali approvata mill-Bank Ċentrali Ewropew, irrispettivament minn jekk il-euros diġitali jkunux irreġistrati bħala bilanċi miżmumin jew unitajiet ta' valur, jew mit-teknoloġija użata. Jenħtieġ li l-infrastruttura diġitali għas-saldu bl-euro tfittex li tiżgura l-adattament għal teknoloġiji ġodda, inkluża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit.

Or. en

Emenda 521
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) ***Minħabba n-nuqqas ta' konnettività ma' network,*** jenħtieġ li s-saldu ta' ***pagamenti ta' prossimità*** offline bl-euro diġitali jitwettaq ***fl-ispazju tal-ħżin lokali tal-apparat ta' pagament rispettivament tal-pagaturi u tal-prendituri***. Jenħtieġ li ***l-pagamenti ta' prossimità*** offline bl-euro diġitali jiġu saldati fi ftit sekondi kif speċifikat fir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li s-saldu finali jseħħ fil-mument ***tal-aġġornament tar-rekords tal-ammonti miżmumin rilevanti*** tal-euro diġitali ***fl-apparati għall-ħżin lokali tal-pagatur u tal-prenditur, rispettivament, irrispettivament minn jekk il-euros*** diġitali ***jkunux irreġistrati bħala bilanċi miżmumin jew unitajiet ta' valur, jew mit-teknoloġija użata***.	(65) Jenħtieġ li s-saldu ta' ***tranżazzjonijiet ta' pagament*** offline bl-euro diġitali jitwettaq ***mingħajr il-ħtieġa ta' infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali***. Jenħtieġ li ***t-tranżazzjonijiet ta' pagament*** offline bl-euro diġitali jiġu saldati fi ftit sekondi kif speċifikat fir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li s-saldu finali jseħħ fil-mument ***meta l-fondi fl-apparat*** tal-euro diġitali ***offline tal-pagatur jiġu ttrasferiti direttament lill-apparat tal-euro diġitali offline tal-prenditur, mingħajr ebda intermedjazzjoni ta' kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' pagament jew l-infrastruttura għas-saldu bl-euro*** diġitali.

Or. en

Emenda 522
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) Tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline bl-euro diġitali huma pagamenti ***ta'*** prossimità fiżika ("wiċċ imb wiċċ"). ***Għandhom similaritajiet ma' tranżazzjonijiet fi*** flus kontanti u jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod simili f'termini ta' privatezza. ***Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma jipproċessawx data personali relatata ma' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali, iżda biss data personali relatata mad-depożitu jew mal-prelevament ta' euro diġitali minn kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali sabiex jintefgħu fuq apparati għall-ħżin lokali, jew mill-apparati għall-ħżin lokali għall-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali. Dan jinkludi l-identifikatur tal-apparati għall-ħżin lokali li l-fornituri tas-servizzi tal-pagamenti jattribwixxu lil utent tal-euro diġitali li jżomm euro diġitali offline. Dak il-livell ta' privatezza jkun komparabbli mal-prelevamenti ta' karti tal-flus minn magni awtomatiċi tal-***	(75) Tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline bl-euro diġitali huma pagamenti ***li jseħħu mhux fuq ir-reġistru, mingħajr infrastruttura għas-saldu ċentrali, jew fi*** prossimità fiżika ("wiċċ imb wiċċ") ***jew f'distanza permezz ta' link ta' komunikazzjoni diġitali jekk tkun disponibbli l-konnettività fuq żewġ apparati. Ammonti miżmumin ta' euro diġitali offline jinħażnu b'mod diġitali fl-apparat u mhemmx bżonn ta' kontijiet jew infrastrutturi ta' saldu biex issir tranżazzjoni. Dawn huma karatteristiċi simili għal*** flus kontanti u jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod simili f'termini ta' privatezza.

flus meta l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jipproċessaw data personali relatata mal-identità tal-utenti u data li tappartjeni għal kif ikunu twettqu t-tranżazzjonijiet ta' finanzjament u ta' definanzjament. Dan ifisser li jenħtieġ li ma jseħħ l-ebda monitoraġġ tad-data tat-tranżazzjonijiet għal tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 539
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(76) Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipproċessaw data personali sa kemm ikun neċessarju sabiex jitwettqu kompiti li jkunu essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. Fil-qafas ta' dan ir-regolament, l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tas-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u l-ġestjoni tas-sigurtà u tal-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali huma kompiti fl-interess pubbliku li huma essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali kif ukoll għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Il-kompitu li jinżammu s-sigurtà u l-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali jinkludi attivitajiet relatati mal-iżgurar tal-istabbiltà u tar-reżiljenza operazzjonali tal-euro diġitali. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jkunu l-kontrollur tad-data personali fir-rigward ta' dawn il-kompiti. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jipproċessaw data personali għal dawn il-kompiti billi jużaw miżuri ta' sigurtà u ta'	(76) Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipproċessaw data personali sa kemm ikun neċessarju sabiex jitwettqu kompiti li jkunu essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-euro diġitali***, b'rispett sħiħ tar-Regolament (UE) 2018/1725 (EUDPR)***. Fil-qafas ta' dan ir-regolament, l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tas-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u l-ġestjoni tas-sigurtà u tal-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali huma kompiti fl-interess pubbliku li huma essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali kif ukoll għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Il-kompitu li jinżammu s-sigurtà u l-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali jinkludi attivitajiet relatati mal-iżgurar tal-istabbiltà u tar-reżiljenza operazzjonali tal-euro diġitali. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jkunu l-kontrollur tad-data personali fir-rigward ta' dawn il-kompiti. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jipproċessaw data

preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, ***bħall-psewdonimizzazzjoni*** jew il-kriptaġġ, sabiex jiżguraw li d-data ma tkunx tista' tintuża sabiex jiġi identifikat direttament utent speċifiku tal-euro diġitali.	personali għal dawn il-kompiti billi jużaw miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, ***inklużi l-psewdonimizzazzjoni*** jew il-kriptaġġ, sabiex jiżguraw li d-data ma tkunx tista' tintuża sabiex jiġi identifikat direttament utent speċifiku tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 540
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor, Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Premessa 76a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(76a) L-iżvilupp tal-euro diġitali jenħtieġ li jkun ibbażat fuq soluzzjonijiet teknoloġiċi li jirriflettu l-ogħla standards tal-innovazzjoni u s-sigurtà. Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni kontinwi tal-iżviluppi teknoloġiċi huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-euro diġitali tibqa' robusta, valida għall-futur u kapaċi li tintegra avvanzi li jsaħħu l-privatezza, il-protezzjoni tad-data, l-effiċjenza operazzjonali u r-reżiljenza generali tas-sistema. Tali viġilanza teknoloġika hija neċessarja biex tiġi ppreżervata l-fiduċja fl-euro diġitali, tiġi appoġġata l-integrità tal-infrastruttura tagħha u tinżamm l-awtonomija strateġika tal-Unjoni f'ambjent diġitali dejjem aktar kompetittiv u li qed jevolvi b'mod rapidu.

Or. en

Emenda 541
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor, Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Premessa 76b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(76b) Ir-reżiljenza tas-sistema ta' pagamenti tal-Unjoni, inkluża r-reżiljenza ċibernetika tagħhom, tikkostitwixxi rekwiżit minn qabel għall-istabbiltà tas-suq uniku u għall-kontinwità ta' funzjonijiet ekonomiċi essenzjali. Jenħtieġ għalhekk li l-euro diġitali tkun mgħammra b'mekkaniżmi u proċessi li jiżguraw il-preparatezza u l-kapaċità li jinżammu servizzi ta' pagament mingħajr interruzzjoni f'sitwazzjonijiet ta' tfixkil sever jew imminenti. It-tisħiħ ta' tali preparatezza huwa neċessarju biex tiġi ssalvagwardjata l-fiduċja tal-pubbliku, jiġi mħares l-aċċess tal-utenti għall-fondi u tinżamm il-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi b'mod effettiv għal avvenimenti sistemiċi, teknoloġiċi jew eċċezzjonali.

Or. en

Emenda 542
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(77) Għall-finijiet tal-infurzar tal-limiti ta' żamma u l-iżgurar tal-bdil eċċezzjonali ta' kontijiet diġitali ta' pagament tal-euro f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fuq talba tal-utent tal-euro diġitali, huwa meħtieġ punt ta' aċċess uniku ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-euro diġitali madwar iż-żona tal-euro kollha, peress li l-utenti tal-euro diġitali jistgħu jżommu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali fi Stati Membri differenti. Meta jiġi stabbilit il-punt uniku ta' aċċess, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali	(77) Għall-finijiet tal-infurzar tal-limiti ta' żamma u l-iżgurar tal-bdil eċċezzjonali ta' kontijiet diġitali ta' pagament tal-euro f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fuq talba tal-utent tal-euro diġitali, huwa meħtieġ punt ta' aċċess uniku ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-euro diġitali madwar iż-żona tal-euro kollha, peress li l-utenti tal-euro diġitali jistgħu jżommu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali fi Stati Membri differenti. ***Meta tfixkil mifrux jew sever jaffetta l-kontinwità tal-pagamenti diġitali, jista' jkun meħtieġ li l-***

nazzjonali jiżguraw li l-ipproċessar tad-data personali jiġi minimizzat għal dak li huwa strettament meħtieġ u li l-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku tkun inkorporata. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jikkunsidraw, fejn xieraq u biex jimminimizzaw ir-riskju ta' ksur tad-data, l-użu tal-ħżin deċentralizzat tad-data.

utenti jibdlu l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom għal fornituri alternattivi fuq bażi eċċezzjonali. Il-punt ta' aċċess uniku jenħtieġ li jappoġġa tali sitwazzjonijiet ta' emerġenza billi jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex tinżamm l-applikazzjoni korretta tal-limiti ta' żamma. Kwalunkwe miżura bħal din jenħtieġ li tkun temporanja, proporzjonata u applikata biss sakemm jippersistu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali. Meta jiġi stabbilit il-punt uniku ta' aċċess, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jiżguraw li l-ipproċessar tad-data personali jiġi minimizzat għal dak li huwa strettament meħtieġ u li l-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku tkun inkorporata. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jikkunsidraw, fejn xieraq u biex jimminimizzaw ir-riskju ta' ksur tad-data, l-użu tal-ħżin deċentralizzat tad-data.

Or. en

Emenda 543
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 80

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(80) ***B'kuntrast mat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali, it-tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali ma humiex limitati għal tranżazzjonijiet ta' prossimità fiżika, u jistgħu jintużaw għat-trasferiment ta' fondi mill-bogħod bejn l-utenti tal-euro diġitali.*** Għal ***tranżazzjonijiet ta'*** pagament online bl-euro diġitali, ***il-muniti diġitali tal-banek ċentrali jistgħu jippreżentaw riskji*** ta' AML/CFT ***akbar mill-flus kontanti peress li jkunu qegħdin jaġixxu bħala strument li l-likwidità tiegħu tkun***	(80) Għal pagament online bl-euro diġitali, ***ir-riskji*** ta' AML/CFT ***huma*** simili għal ***mezzi diġitali ta' pagament kumparabbli***. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit li tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali għandha tkun soġġetta għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

simili għal ***dik tal-flus kontanti iżda mingħajr il-limitazzjonijiet fuq il-portabbiltà li huma impliċiti fil-flus kontanti***. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit li tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali għandha tkun soġġetta għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[39]***.

---

[39] Ir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1).

Or. en

Emenda 544
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(81) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti dwar il-valuta legali u jinżamm il-pass mal-iżviluppi teknoloġiċi, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati fir-rigward ta' eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja u tat-tipi ta' data personali pproċessati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali u mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma	***imħassar***

ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti delegati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 545
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 82

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(82) Filwaqt li t-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali għandhom similaritajiet ma' tranżazzjonijiet fi flus kontanti u jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod simili f'termini tal-privatezza, limiti speċifiċi fuq l-ammonti miżmumin u fuq it-tranżazzjonijiet għall-pagamenti ta' prossimità offline huma essenzjali għall-mitigazzjoni tar-riskji tal-AML/CFT,	***imħassar***

Or. en

Emenda 546
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 85a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(85a) Il-muniti diġitali tal-bank ċentrali huma żvilupp ġdid li jista' potenzjalment ikollu implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja u għall-mudelli kummerċjali tal-banek. Għalhekk, il-BĊE u l-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li jimmonitorjaw mill-qrib l-applikazzjoni

ta' dan ir-Regolament u jirrapportaw lura regolarment lil-leġiżlatur Ewropew. Dawn ir-rapporti jenħtieġ li jirriflettu wkoll dwar il-każijiet tal-użu ġodda potenzjali għall-euro diġitali.

Or. en

Emenda 547
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 85b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(85b) Sabiex tiġi żgurata separazzjoni ċara bejn il-kompiti monetarji, superviżorji u ta' sorveljanza tas-sistemi ta' pagament tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-attivitajiet tiegħu b'rabta mas-sistema ta' pagament bl-euro diġitali, jenħtieġ li tiġi stabbilità unità ddedikata fi ħdan il-Bank Ċentrali Ewropew li jkollha l-kompetenza esklużiva li twettaq il-kompiti relatati mal-operat u l-ġestjoni tas-sistema u l-infrastruttura ta' pagament bl-euro diġitali, li tkun indipendenti f'termini ta' kontabbiltà, organizzazzjoni u teħid tad-deċiżjonijiet, u billi tali separazzjoni hija meħtieġa biex jiġu evitati kunflitti ta' interess, biex tiġi ppreżervata l-imparzjalità ta' deċiżjonijiet superviżorji u biex tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-pagamenti.

Or. en

Emenda 548
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 85c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(85c) L-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li l-euro diġitali hija mfassla abbażi tal-ħtiġijiet prattiċi tal-kumpaniji Ewropej. Il-pagamenti diġitali mhumiex biss għodda finanzjarja, iżda lieva strateġika għall-kompetittività, is-sovranità teknoloġika, u ktajjen tal-valur reżiljenti. Jenħtieġ għalhekk li l-Bank Ċentrali Ewropew joffri verżjoni tal-euro diġitali b'pagamenti programmabbli, kapaċità kuntrattwali intelliġenti, u interoperabbiltà ma' sistemi eżistenti, li jippermettu tranżazzjonijiet B2B awtomizzati u integrazzjoni bla xkiel fil-pjattaformi diġitali. Dawn il-karatteristiċi huma essenzjali għal każijiet tal-użu tal-Industrija 4.0 bħall-ktajjen tal-provvista bl-awtofatturazzjoni, is-saldu istantanju, u swieq tar-riżorsi transfruntiera. Bi standards favur l-innovazzjoni, regoli ċari u protezzjoni tad-data b'saħħitha, l-Unjoni tista' ssaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħha, tnaqqas id-dipendenza minn infrastrutturi mhux Ewropej, u tibni ekosistema ta' pagamenti kompetittiva u teknoloġikament avvanzata.
	Or. en

Emenda 549
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bl-għan li ***l-euro jiġi adattat għall-bidliet teknoloġiċi u sabiex jiġi żgurat l-użu tiegħu bħala munita unika***, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-euro diġitali ***u*** jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw b'mod partikolari l-istatus ta' valuta legali, id-distribuzzjoni, l-użu u l-karatteristiċi	Bl-għan li ***jiġi pprovdut mezz diġitali ta' pagament sovran, sigur u aċċettat b'mod universali madwar iż-żona tal-euro u li jiġi ssalvagwardjat l-aċċess pubbliku għall-flus pubbliċi f'forma diġitali***, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-euro diġitali ***bħala forma ta' bażi monetarja li hija***

tekniċi essenzjali tiegħu	***aċċessibbli b'mod diġitali għall-individwi u d-ditti biex tikkomplementa l-flus kontanti. Dan ir-Regolament*** jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw b'mod partikolari l-istatus ta' valuta legali, id-distribuzzjoni, l-użu u l-karatteristiċi tekniċi essenzjali tiegħu***, inklużi l-istandards u l-proċeduri meħtieġa għall-funzjonament u l-interoperabbiltà tiegħu madwar iż-żona tal-euro***.

Or. en

Emenda 550
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bl-għan li l-euro jiġi adattat għall-bidliet teknoloġiċi u sabiex jiġi żgurat l-użu tiegħu bħala munita unika, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-euro diġitali u jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw b'mod partikolari ***l-istatus ta' valuta legali, id-distribuzzjoni,*** l-użu u l-karatteristiċi tekniċi essenzjali tiegħu.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-euro diġitali u jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw b'mod partikolari l-użu u l-karatteristiċi tekniċi essenzjali tiegħu.

Or. en

Emenda 551
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bl-għan li l-euro jiġi adattat għall-bidliet teknoloġiċi u sabiex jiġi żgurat l-użu tiegħu bħala munita unika, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-euro diġitali u jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw b'mod partikolari l-	Bl-għan li l-euro jiġi adattat għall-bidliet teknoloġiċi u sabiex jiġi żgurat l-użu tiegħu bħala munita unika***, filwaqt li jiġi żgurat li l-bażi monetarja tibqa' aċċessibbli b'mod universali għat-tranżazzjonijiet ta' kuljum***

istatus ta’ valuta legali, id-distribuzzjoni, l-użu u l-karatteristiċi tekniċi essenzjali tiegħu.	***taċ-ċittadini Ewropej, mhux biss fil-forma fiżika tagħha, iżda anke b’mod diġitali, u filwaqt li tiġi żgurata wkoll il-libertà tal-persuni li jagħżlu kif jixtiequ jħallsu***, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-euro diġitali u jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw b’mod partikolari l-istatus ta’ valuta legali, id-distribuzzjoni, l-użu u l-karatteristiċi tekniċi essenzjali tiegħu.

Or. en

Emenda 552
Gilles Boyer, Nikos Papandreou, Damian Boeselager, Pasquale Tridico

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bl-għan li l-euro jiġi adattat għall-bidliet teknoloġiċi u sabiex jiġi żgurat l-użu tiegħu bħala munita unika, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-euro diġitali u jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw b’mod partikolari l-istatus ta’ valuta legali, id-distribuzzjoni, l-użu u l-karatteristiċi tekniċi essenzjali tiegħu.	Bl-għan li l-euro jiġi adattat għall-bidliet teknoloġiċi u sabiex jiġi żgurat l-użu tiegħu bħala munita unika, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-euro diġitali ***bħala forma ġdida ta’ munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut, li tippermetti tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali online kif ukoll offline,*** u jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw b’mod partikolari l-istatus ta’ valuta legali, id-distribuzzjoni, l-użu u l-karatteristiċi tekniċi essenzjali tiegħu.

Or. en

Emenda 553
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-euro diġitali, kif definit mill-ġdid skont dan ir-Regolament (bl-ingrossa u offline biss), jista’ jinħareġ biss fuq bażi pilota

biex jiġu vvalutati l-prestazzjoni, il-karatteristiċi tal-privatezza, ir-reżiljenza, l-interoperabbiltà u l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja tiegħu. Wara perjodu pilota ta' mill-inqas 5 snin, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew jeħtiġilhom jippreżentaw rapport komprensiv ta' evalwazzjoni pubblika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta jekk l-euro diġitali għandux jiġi estiż għall-użu ġenerali. Kwalunkwe deċiżjoni biex ikun hemm bidla mill-użu fuq bażi pilota għall-użu bis-sħiħ trid tittieħed permezz ta' att leġiżlattiv separat, abbażi ta' dimostrazzjoni ċara tal-ħtieġa, il-valutazzjoni tal-impatt, ir-rekwiżit funzjonali, il-protezzjoni tal-privatezza, u l-ebda effett avvers materjali fuq l-istabbiltà finanzjarja, l-ekosistemi ta' pagament eżistenti jew il-kompetizzjoni.

Or. en

Emenda 554
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-Regolament jeskludi b'mod espliċitu:
	a) kwalunkwe euro diġitali bl-imnut, online, jew ibbażat fuq kontijiet aċċessibbli għall-persuni fiżiċi;
	b) kwalunkwe regola ta' aċċettazzjoni obbligatorji applikabbli għan-negozjanti jew il-konsumaturi;
	c) kwalunkwe sistema online li tippermetti t-traċċar, il-monitoraġġ jew it-tfassil ta' profili ta' utenti individwali bl-imnut.

Or. en

Emenda 555
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. "euro diġitali" tfisser ***il-forma*** diġitali ***tal-munita unika disponibbli*** għall-persuni fiżiċi ***u ġuridiċi;***	1. "euro diġitali" tfisser ***biss munita*** diġitali ***tal-bank ċentrali bl-imnut (CBDC bl-imnut) u euro diġitali offline f'forma tokenizzata li jistgħu jintużaw għal pagamenti peer-to-peer u bejn apparat u ieħor mingħajr dipendenza fuq networks online; il-ħruġ, id-distribuzzjoni u l-użu ta' kwalunkwe euro diġitali bl-imnut, ibbażat fuq kontijiet jew online aċċessibbli direttament*** għall-persuni fiżiċi ***għal tranżazzjonijiet tal-konsumaturi ta' rutina huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Is-CBDC bl-imnut jista' jintuża esklużivament għal tranżazzjonijiet ta' saldu interbankarji, tas-suq finanzjarju, istituzzjonali u ta' valur kbir. L-euro diġitali offline tista' ssir disponibbli b'mod strett għal pagamenti ta' prossimità bejn partijiet li jagħtu l-kunsens tagħhom għal dan, taħt limiti ta' żamma u tat-tranżazzjoni.***

Or. en

Emenda 556
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. "euro diġitali" tfisser il-forma diġitali tal-munita unika disponibbli għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi;	1. "euro diġitali" tfisser il-forma diġitali tal-munita unika disponibbli għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi***, maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew jew il-banek ċentrali nazzjonali, li tikkostitwixxi***

responsabbiltà fuq il-karta bilanċjali ta' dawn l-entitajiet;

Or. en

Emenda 557
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. "euro diġitali" tfisser il-forma diġitali tal-munita unika disponibbli għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi;	1. "euro diġitali" tfisser il-forma diġitali tal-munita unika disponibbli għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi***, maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew jew bank ċentrali nazzjonali, li tikkostitwixxi entrata ta' responsabbiltà fuq il-karta bilanċjali tal-emittent***;

Or. en

Emenda 558
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. "euro diġitali" tfisser il-forma diġitali tal-munita unika disponibbli għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi;	1. "euro diġitali" tfisser il-forma diġitali tal-munita unika ***bħala valuta legali*** disponibbli għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi ***f'ambjent offline u online***;

Or. en

Emenda 559

Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Lídia Pereira, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White, Michalis Hadjipantela, Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. "euro diġitali offline" tfisser rappreżentanza diġitali, mhux ibbażata fuq kontijiet ta' flus kontanti maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew li tinħażen b'mod diġitali u li hija aċċessibbli permezz ta' apparat tal-euro diġitali offline tat-tip portatur, u li tista' tiġi ttrasferita b'mod diġitali u sigur lil apparat tal-euro diġitali offline ieħor mingħajr il-ħtieġa ta' infrastruttura ċentralizzata għas-saldu bl-euro diġitali għas-saldu finali tat-tranżazzjonijiet, u li tista' topera anke jekk apparat wieħed jew iż-żewġ apparati tal-euro diġitali offline ma jkollhom l-ebda konnettività tal-internet b'mod temporanju jew permanenti; L-euro diġitali offline għandu jkun, bħala mezz ta' pagament, assi "in rem" mhux fiżiku, maħruġ mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali, li jikkostitwixxi entrata ta' responsabbiltà fuq il-karta bilanċjali ta' dawn l-entitajiet. Għandu jkun il-proprjetà tal-utenti tal-euro diġitali u applikabbli skont il-liġi privata tal-Istati Membri rispettivi;

Or. en

Emenda 560
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. "euro diġitali bl-imnut" tfisser forma diġitali tal-bażi monetarja maħruġa

	biss għas-saldu bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-infrastrutturi tas-suq u l-awtoritajiet pubbliċi;

Or. en

Emenda 561
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. "euro diġitali offline" tfisser strument ibbażat fuq tokens li jippermetti valur limitat u pagamenti bbażati fuq il-prossimità mingħajr il-konnettività tal-internet, imfassal biex tiġi ppreżervata l-privatezza u jiġi pprevenut l-akkumulu ta' data dwar it-tranżazzjonijiet;

Or. en

Emenda 562
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. "utent tal-euro diġitali" tfisser ***kull min jagħmel użu minn servizz ta' pagament bl-euro*** diġitali ***fil-kapaċità ta' pagatur, ta' prenditur, jew tat-tnejn***;	4. "utent tal-euro diġitali" tfisser ***detentur tal-euro*** diġitali ***bl-imnut jew utent awtorizzat tal-euro diġitali offine, limitat għal entitajiet istituzzjonali jew persuni fiżiċi li jipparteċipaw fi proġetti pilota ta' pagamenti offline magħluqa***;

Or. en

Emenda 563

Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. "utent tal-euro diġitali" tfisser ***kull min jagħmel*** użu minn servizz ta' pagament bl-euro diġitali ***fil-kapaċità ta' pagatur, ta' prenditur, jew tat-tnejn***;	4. "utent tal-euro diġitali" tfisser ***persuna fiżika jew ġuridika, li tkun il-proprjetarju tal-euro diġitali u li tagħmel*** użu minn servizz ta' pagament bl-euro diġitali;

Or. en

Emenda 564
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. "utent tal-euro diġitali" tfisser ***kull min jagħmel*** użu minn servizz ta' pagament bl-euro diġitali ***fil-kapaċità ta' pagatur, ta' prenditur, jew tat-tnejn***;	4. "utent tal-euro diġitali" tfisser ***kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, li tkun id-detentur tal-euro diġitali, li tagħmel*** użu minn servizz ta' pagament bl-euro diġitali;

Or. en

Emenda 565
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. "utent tal-euro diġitali" tfisser ***kull min jagħmel*** użu minn servizz ta' pagament bl-euro diġitali fil-kapaċità ta' pagatur, ta' prenditur, jew tat-tnejn;	4. "utent tal-euro diġitali" tfisser ***persuna fiżika jew ġuridika, il-proprjetarju tal-euro diġitali, li tagħmel*** użu minn servizz ta' pagament bl-euro

	diġitali fil-kapaċità ta' pagatur, ta' prenditur, jew tat-tnejn;

Or. en

Emenda 566
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. "utent tal-euro diġitali" tfisser ***kull min jagħmel*** użu minn servizz ta' pagament bl-euro diġitali fil-kapaċità ta' pagatur, ta' prenditur, jew tat-tnejn;	4. "utent tal-euro diġitali" tfisser ***persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel*** użu minn servizz ta' pagament bl-euro diġitali fil-kapaċità ta' pagatur, ta' prenditur, jew tat-tnejn;

Or. en

Emenda 567
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "kont ta' pagament bl-euro diġitali" tfisser kont miżmum minn ***utent wieħed jew aktar tal-euro diġitali*** ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament sabiex ***jaċċessa*** l-euro diġitali rreġistrat fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali jew f'apparat offline tal-euro diġitali u sabiex ***jibda*** jew ***jirċievi*** tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali, kemm jekk offline kif ukoll online***, u irrispettivament mit-teknoloġija u mill-istruttura tad-data***;	5. "kont ta' pagament bl-euro diġitali" tfisser kont miżmum minn ***utenti*** ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament sabiex ***jaċċessaw*** l-euro diġitali rreġistrat fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali jew f'apparat offline tal-euro diġitali u sabiex ***jibdew*** jew ***jirċievu*** tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali, kemm jekk offline kif ukoll online;

Or. en

Emenda 568
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. "Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali" tfisser il-kartieri stabbiliti fl-Artikolu 6a tar-Regolament (EUDIWR) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea – COM(2021) 281 final];	***imħassar***

Or. en

Emenda 569
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. "distributur" tfisser kwalunkwe entità, pubblika jew privata, li tipprovdi servizzi ta' pagament bl-euro diġitali;

Or. en

Emenda 570
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. "fornitur ta' servizzi ta' pagament"	7. "fornitur ta' servizzi ta' pagament

tfisser fornitur ta' servizzi ta' pagament kif definit fl-Artikolu ***4, il-punt (11)*** tad-Direttiva 2015/2366;	***għall-euro diġitali***" tfisser fornitur ta' servizzi ta' pagament kif definit fl-Artikolu ***4(11)*** tad-Direttiva 2015/2366***, stabbilit fl-Unjoni, li l-uffiċċju prinċipali u l-governanza interna tiegħu jinsabu fl-Unjoni, awtorizzat biex jipprovdi servizzi ta' pagament, u soġġett għas-sorveljanza tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 571
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. "fornitur ta' servizzi ta' pagament" tfisser fornitur ta' servizzi ta' pagament kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (11) tad-Direttiva 2015/2366;	7. "fornitur ta' servizzi ta' pagament ***taħt is-superviżjoni tal-UE***" tfisser fornitur ta' servizzi ta' pagament kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (11) tad-Direttiva 2015/2366 ***li l-uffiċċju prinċipali u l-governanza interna tiegħu jkunu jinsabu fl-Unjoni, kif ukoll kif awtorizzat u soġġett għas-superviżjoni skont id-dritt tal-Unjoni biex jipprovdi servizzi ta' pagament***;

Or. en

Emenda 572
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. "fornitur ta' servizzi ta' pagament" tfisser fornitur ta' servizzi ta' pagament kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (11) tad-Direttiva 2015/2366;	7. "fornitur ta' servizzi ta' pagament ***taħt is-superviżjoni tal-UE***" tfisser fornitur ta' servizzi ta' pagament kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (11) tad-Direttiva

2015/2366 ***li l-uffiċċju prinċipali u l-governanza interna tiegħu jkunu jinsabu fl-Unjoni, kif ukoll kif awtorizzat u soġġett għas-superviżjoni skont id-dritt tal-Unjoni biex jipprovdi servizzi ta' pagament***;

Or. en

Emenda 573
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. "entità maħtura" tfisser kwalunkwe entità pubblika jew privata, kif imsemmija fl-Artikolu 1, il-punti (a) sa (f) tad-Direttiva (UE) 2015/2366, fdata minn Stat Membru biex tiddistribwixxi servizzi ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali;

Or. en

Emenda 574
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. "servizz ta' pagament bl-euro diġitali" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' negozju stabbiliti fl-Anness ***I***;	8. "servizz ta' pagament bl-euro diġitali" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' negozju stabbiliti fl-Anness ***II, l-Anness IIa, u kwalunkwe servizz ta' pagament bl-euro diġitali addizzjonali ieħor***;

Or. en

Emenda 575
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. "servizz ta' pagament bl-euro diġitali" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' negozju stabbiliti fl-Anness ***I***;	8. "servizz ta' pagament bl-euro diġitali" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' negozju stabbiliti fl-Anness ***II***;

Or. en

Emenda 576
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. "finanzjament" tfisser il-proċess li bih utent tal-euro diġitali jikseb euro diġitali, bi skambju għal flus kontanti jew għal fondi oħrajn, li joħloq responsabbiltà ***diretta*** tal-Bank Ċentrali Ewropew jew ta' bank ċentrali nazzjonali lejn dak l-utent tal-euro diġitali;	11. "finanzjament" tfisser il-proċess li bih utent tal-euro diġitali jikseb euro diġitali, bi skambju għal flus kontanti jew għal fondi oħrajn, li joħloq ***entrata ta'*** responsabbiltà ***fuq il-karta bilanċjali*** tal-Bank Ċentrali Ewropew jew ta' bank ċentrali nazzjonali lejn dak l-utent tal-euro diġitali;

Or. en

Emenda 577
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. "finanzjament" tfisser il-proċess li	11. "finanzjament" tfisser il-proċess li

bih utent tal-euro diġitali jikseb euro diġitali, bi skambju għal flus kontanti jew għal fondi oħrajn, li ***joħloq*** responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew ta' bank ċentrali nazzjonali lejn dak l-utent tal-euro diġitali;	bih utent tal-euro diġitali jikseb euro diġitali, bi skambju għal flus kontanti jew għal fondi oħrajn, li ***jfisser*** responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew ta' bank ċentrali nazzjonali lejn dak l-utent tal-euro diġitali;

Or. en

Emenda 578
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. "tranżazzjoni ta' pagament offline bl-euro diġitali" tfisser tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali***, *magħmula minn prossimità fiżika***, meta l-awtorizzazzjoni u s-saldu jseħħu fl-apparati għall-ħżin lokali kemm tal-pagatur kif ukoll tal-prenditur;	15. "tranżazzjoni ta' pagament offline bl-euro diġitali" tfisser tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali, meta l-awtorizzazzjoni u s-saldu jseħħu fl-apparati għall-ħżin lokali kemm tal-pagatur kif ukoll tal-prenditur;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal valur miżjud reali tal-euro diġitali meta mqabbel ma' flus kontanti, karti ta' kreditu u kriptovaluti, u skont il-kunċett ta' "flus kontanti diġitali", għandu jkun possibbli li jsir ħlas b'mod diġitali bl-istess mod anonimu bħal bi flus kontanti. Mhuwiex ġustifikat li dan jiġi limitat għal pagamenti fil-preżenza fiżika.

Emenda 579
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. "tranżazzjoni ta' pagament offline bl-euro diġitali" tfisser tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali, magħmula minn	15. "tranżazzjoni ta' pagament offline bl-euro diġitali" tfisser tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali, magħmula minn

prossimità fiżika, meta l-awtorizzazzjoni u s-saldu jseħħu fl-apparati għall-ħżin lokali kemm tal-pagatur kif ukoll tal-prenditur;	prossimità fiżika, meta l-awtorizzazzjoni u s-saldu jseħħu fl-apparati għall-ħżin lokali ***ċċertifikati*** kemm tal-pagatur kif ukoll tal-prenditur;

Or. en

Emenda 580
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. "tranżazzjoni ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali" tfisser tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali li tingħata struzzjonijiet awtomatikament malli jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet definiti minn qabel miftiehma mill-pagatur u mill-prenditur;	***imħassar***

Or. en

Emenda 581
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
18. "flus programmabbli" tfisser unitajiet ta' flus diġitali b'loġika intrinsika li tillimita l-funġibilità sħiħa ta' kull unità;	***imħassar***

Or. en

Emenda 582
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
18. "flus programmabbli" tfisser unitajiet ta' flus diġitali b'loġika intrinsika li tillimita l-funġibilità shiha ta' kull unità;	***imħassar***

Or. en

Emenda 583
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. "infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali" tfisser l-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali adottata ***mill-Eurosistema***;	19. "infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali" tfisser l-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali adottata ***mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-banek ċentrali nazzjonali, jew mit-tnejn***;

Or. en

Emenda 584
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "mezzi diġitali komparabbli ta' pagament" tfisser pagament b'mezzi diġitali***,*** inkluż ***pagament*** b'karta tad-debitu ***u pagament*** istantanju ***fil-punt ta' interazzjoni iżda esklużit-trasferiment*** ta' kreditu ***u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta' interazzjoni***;	25. "mezzi diġitali komparabbli ta' pagament" tfisser ***strumenti ta'*** pagament b'mezzi diġitali ***li jistgħu jintużaw f'ambjent diġitali*** inkluż ***pagamenti*** b'karta tad-debitu***, pagamenti istantanji u pagamenti b'karta*** ta' kreditu;

Or. en

Emenda 585
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "mezzi diġitali komparabbli ta' pagament" tfisser ***pagament b'mezzi diġitali, inkluż*** pagament b'karta tad-debitu u pagament ***istantanju*** fil-punt ta' interazzjoni ***iżda esklużit-trasferiment ta' kreditu u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta' interazzjoni***;	25. "mezzi diġitali komparabbli ta' pagament" tfisser pagament b'karta tad-debitu u pagament fil-punt ta' interazzjoni;

Or. en

Emenda 586
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "mezzi diġitali komparabbli ta' pagament" tfisser pagament ***b'mezzi diġitali***, inkluż pagament b'karta tad-debitu u pagament istantanju fil-punt ta' interazzjoni iżda esklużit-trasferiment ta' kreditu u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta' interazzjoni;	25. "mezzi diġitali komparabbli ta' pagament" tfisser ***mezzi diġitali ta'*** pagament ***maħruġ fiż-żona tal-euro***, inkluż pagament b'karta tad-debitu u pagament istantanju fil-punt ta' interazzjoni iżda esklużit-trasferiment ta' kreditu u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta' interazzjoni;

Or. en

Emenda 587
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
27. "***identifikatur tal-utent***" tfisser identifikatur uniku ***maħluq minn fornitur ta' servizzi ta' pagament li jqassam l-euro diġitali*** li ***jiddistingwi*** b'mod mhux ambigwu, għal finijiet tal-euro diġitali online, ***utenti*** tal-euro diġitali iżda li ma jkunx attribwibbli għal persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali;	27. "***numru tal-kont tal-euro diġitali***" tfisser identifikatur uniku li ***jidentifika*** b'mod mhux ambigwu, għal finijiet tal-euro diġitali online, ***kont ta' pagament*** tal-euro diġitali iżda li ma jkunx attribwibbli għal persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali;

Or. en

Emenda 588
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
27. "***identifikatur tal-utent***" tfisser identifikatur uniku ***maħluq minn fornitur ta' servizzi ta' pagament li jqassam l-euro diġitali*** li ***jiddistingwi*** b'mod mhux ambigwu, għal finijiet tal-euro diġitali online, ***utenti*** tal-euro diġitali iżda li ma jkunx attribwibbli għal persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali;	27. "***numru tal-kont tal-euro diġitali***" tfisser identifikatur uniku li ***jidentifika*** b'mod mhux ambigwu, għal finijiet tal-euro diġitali online, ***kont ta' pagament*** tal-euro diġitali iżda li ma jkunx attribwibbli għal persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali;

Or. en

Emenda 589
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
27. "identifikatur tal-utent" tfisser identifikatur uniku ***maħluq*** minn fornitur ta' servizzi ta' pagament li jqassam l-euro diġitali li jiddistingwi b'mod mhux ambigwu, għal finijiet tal-euro diġitali online, utenti tal-euro diġitali iżda li ma jkunx attribwibbli għal persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali;	27. "identifikatur tal-utent" tfisser identifikatur uniku ***ġġenerat*** minn fornitur ta' servizzi ta' pagament li jqassam l-euro diġitali li jiddistingwi b'mod mhux ambigwu, għal finijiet tal-euro diġitali online, utenti tal-euro diġitali iżda li ma jkunx attribwibbli għal persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali;

Or. en

Emenda 590
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
28. "isem assunt tal-utent" tfisser identifikatur psewdonimu ***uniku*** użat sabiex ***tiġi protetta*** l-identità tal-utent meta jiġu pproċessati ***pagamenti*** bl-euro diġitali li jistgħu jiġu ***attribwiti*** biss ***lil*** persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li tqassam l-euro diġitali jew mill-utent tal-euro diġitali;	28. "isem assunt tal-utent" tfisser identifikatur psewdonimu ***speċifiku għal kont ta' pagament bl-euro diġitali maħruġ mill-Bank Ċentrali Ewropew u/jew minn banek ċentrali nazzjonali fuq talba mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament,*** użat sabiex ***tiġi salvagwardjata*** l-identità tal-utent meta jiġu pproċessati ***tranżazzjonijiet ta' pagament*** bl-euro diġitali li jistgħu jiġu ***assoċjati*** biss ***ma'*** persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li tqassam l-euro diġitali jew mill-utent tal-euro diġitali***, li jinkludi isem assunt obbligatorju (in-numru ta' aċċess tal-pagament bl-euro diġitali) u, meta dawn jintalbu mill-utent, ismijiet assunti ta' proxies addizzjonali li jistgħu bl-istess mod ikunu assoċjati mal-kont ta' pagament bl-euro diġitali***;

Or. en

Emenda 591
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
28. "isem assunt tal-utent" tfisser identifikatur psewdonimu ***uniku*** użat sabiex tiġi protetta l-identità tal-utent meta jiġu pproċessati pagamenti bl-euro diġitali li jistgħu jiġu attribwiti biss lil persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li tqassam l-euro diġitali jew ***mill-utent*** tal-euro diġitali;	28. "isem assunt tal-utent" tfisser identifikatur psewdonimu ***speċifiku għal kont ta' pagament bl-euro diġitali ġġenerat mill-Bank Ċentrali Ewropew jew minn banek ċentrali nazzjonali fuq talba tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament,*** użat sabiex tiġi protetta l-identità tal-utent meta jiġu pproċessati pagamenti bl-euro diġitali li jistgħu jiġu attribwiti biss lil persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li tqassam l-euro diġitali jew ***mill-utenti*** tal-euro diġitali***, li jinkludi isem assunt obbligatorju u jekk jintalbu minn utent tal-euro diġitali, ismijiet assunti ta' proxies addizzjonali li jistgħu jkunu assoċjati wkoll mal-kont ta' pagament bl-euro diġitali***;

Or. en

Emenda 592
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
28. "isem assunt tal-utent" tfisser identifikatur psewdonimu uniku użat sabiex tiġi protetta l-identità tal-utent meta jiġu pproċessati pagamenti bl-euro diġitali li jistgħu jiġu attribwiti biss lil persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li tqassam l-euro diġitali jew mill-utent tal-euro	28. "isem assunt tal-utent" tfisser identifikatur psewdonimu ***magħmul min-numru tal-kont tal-euro diġitali*** uniku ***u, fuq talba mill-utent tal-euro diġitali, proxies addizzjonali, li jidentifika b'mod mhux ambigwu kont ta' pagament tal-euro diġitali u jiġi*** użat sabiex tiġi protetta l-identità tal-utent meta jiġu pproċessati

diġitali;	pagamenti bl-euro diġitali li jistgħu jiġu attribwiti biss lil persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li tqassam l-euro diġitali jew mill-utent tal-euro diġitali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riformulazzjoni għandha tiċċara li l-isem assunt tal-utent huwa ekwivalenti għan-numru tal-kont tal-euro diġitali u barra minn hekk fuq talba tal-utent għal proxies addizzjonali bħal numru tat-telefown.

Emenda 593
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
29. "awtentikazzjoni tal-utent" tfisser ***biċċa informazzjoni unika maħluqa mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament li jqassam l-euro diġitali li flimkien mal-identifikatur tal-utent tippermetti lil utent tal-euro diġitali juri s-sjieda tal-ammonti miżmumin tal-euro diġitali online rreġistrati fl-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali;***	29. "awtentikazzjoni tal-utent" tfisser ***proċedura kif definita fl-Artikolu 4, il-paragrafu 29 tar-Regolament (UE) 2015/2366.***

Or. en

Emenda 594
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	29a. "data tat-tranżazzjoni ta' pagament" tfisser data li tiġi ġġenerata

minn tranżazzjoni ta' pagament fil-limiti tal-ipproċessar stabbiliti fl-Annessi III, IV u V;

Or. en

Emenda 595
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 31a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	31a. "numru ta' aċċess ta' pagament tal-euro diġitali" tfisser isem assunt tal-utent obbligatoju li ma jinkludix il-kodiċi tal-pajjiż jew tal-fornitur tas-servizz ta' pagament, u li jippermetti l-bdil tal-fornitur ta' servizz ta' pagament li jipprovdi servizzi ta' pagament tal-euro diġital filwaqt li jżomm l-istess numru ta' aċċess ta' pagament tal-euro diġitali;

Or. en

Emenda 596
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 31a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	31a. "numru ta' aċċess ta' pagament tal-euro diġitali" tfisser isem assunt tal-utent obbligatoju li ma jinkludix il-kodiċi tal-pajjiż jew tal-fornitur tas-servizz ta' pagament, u li jippermetti l-bdil tal-fornitur ta' servizz ta' pagament li jipprovdi servizzi ta' pagament tal-euro diġital filwaqt li jżomm l-istess numru ta' aċċess ta' pagament tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 597
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 31a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	31a. "servizzi qabel it-tilwim" tfisser servizzi magħmula disponibbli lill-utenti tal-euro diġitali mill-fornituri ta' servizzi ta' pagamenti li jiffaċilitaw l-ilħuq ta' ftehim mill-konsumaturi u n-negozjanti dwar tilwim qabel ir-rimedji f'konformità mal-Artikolu 27;

Or. en

Emenda 598
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 31a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	31a. "apparat għall-ħżin lokali ċċertifikat": tfisser funzjonalità li tippermetti l-ħżin u l-iskambju tal-euro diġitali offline permezz ta' apparati mobbli u smartcards inkluż element sigur li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-BĊE.

Or. en

Emenda 599
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 31b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	31b. "punt tal-bejgħ mingħajr operatur" tfisser apparat fiżiku jew sistema li permezz tagħha l-oġġetti jew is-servizzi jiġu pprovduti direttament lill-pagatur jew f'isem il-prenditur, bi ħlas, mingħajr il-preżenza ta' kwalunkwe persunal jew aġenti tal-prenditur. Dan jinkludi magni tal-bejgħ, magni tal-biljetti, miters tal-parkeġġ, stazzjonijiet għall-għoti tal-fjuwil u għall-iċċarġar fejn wieħed jinqeda waħdu, u sistemi simili oħra.

Or. en

Emenda 600
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 31b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	31b. Kernel huwa biċċa ewlenija ta' software inkorporata f'terminali ta' pagamenti li timmaniġġja l-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti.

Or. en

Emenda 601
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'dan, l-euro diġitali huwa stabbilit bħala ***l-forma*** diġitali ***tal-munita unika***.	B'dan, l-euro diġitali ***offline*** huwa stabbilit bħala ***sistema ta' pagament*** diġitali ***tal-***

Eurosistema.

Or. en

Emenda 602
Stephen Nikola Bartulica, Marlena Maląg, Geadis Geadi, Nora Junco García, Diego Solier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'dan, l-euro diġitali huwa stabbilit bħala ***l-forma*** diġitali tal-munita unika.	B'dan, l-euro diġitali ***offline*** huwa stabbilit bħala ***forma*** diġitali tal-munita unika.

Or. en

Emenda 603
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Lídia Pereira, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'dan, l-euro diġitali huwa stabbilit bħala l-forma diġitali tal-munita unika.	B'dan, l-euro diġitali huwa stabbilit bħala l-forma diġitali tal-munita unika***, fil-forma offine kif ukoll online tagħha***. ***L-istabbiliment tal-euro diġitali online għandu jidħol fis-seħħ bħala opzjoni backfall fin-nuqqas ta' mill-inqas proġett pilota b'suċċess wieħed ta' soluzzjoni ta' pagament bl-imnut sovran pan-Ewropew li jopera u jippermetti pagamenti fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro fir-rigward ta' pagamenti minn persuna għal oħra, fil-punt tal-bejgħ u permezz tal-kummerċ elettroniku, jew direttament jew permezz tal-interoperabbiltà ma' soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani Ewropej oħra. Biex tivverifika jekk ikunx seħħ tali proġett pilota***

b'suċċess, il-Kummissjoni Ewropea għandha twettaq test tas-suq mhux aktar tard mill-aħħar trimestru tal-2028 biex tivvaluta jekk ġewx issodisfati dawk il-kundizzjonijiet, kif muri minn mill-inqas proġett pilota b'suċċess verifikabbli wieħed.

Or. en

Emenda 604
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'dan, l-euro diġitali huwa stabbilit bħala l-forma diġitali tal-munita unika.	B'dan, l-euro diġitali huwa stabbilit bħala l-forma diġitali tal-munita unika***, li jiżgura l-użu tal-bażi monetarja fil-kuntesti kollha ta' pagament***.

Or. en

Emenda 605
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'dan, l-euro diġitali huwa stabbilit bħala l-forma diġitali tal-munita unika.	B'dan, l-euro diġitali huwa stabbilit bħala l-forma diġitali tal-munita unika***, għall-użu fil-formati online kif ukoll offline***.

Or. en

Emenda 606
Dirk Gotink

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'dan, l-euro diġitali huwa stabbilit bħala l-forma diġitali tal-munita unika.	B'dan, l-euro diġitali huwa stabbilit***, fil-forma online u offline,*** bħala l-forma diġitali tal-munita unika.

Or. en

Emenda 607
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar it-tlestija tal-ħidma preparatorja għall-ħarġa tal-euro diġitali offline msemmija fl-Artikolu 4(2a) immedjatament wara t-tlestija tagħha. Filwaqt li tqis l-informazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kummissjoni għandha tivvaluta għal kull Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro jekk soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani pan-Ewropej joperawx u jippermettux pagamenti fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro fir-rigward ta' pagamenti minn persuna għal oħra, fil-punt tal-bejgħ u permezz tal-kummerċ elettroniku, jew direttament jew permezz tal-interoperabbiltà ma' soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani Ewropej oħra. Fi żmien 6 xhur mir-riċevuta tal-informazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew skont l-ewwel subparagafu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, filwaqt li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tiegħu skont it-tieni subparagrafu għal kull Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro. Fir-rapport**

imsemmi fit-tielet subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll:

(a) il-progress tas-soluzzjonijiet ta' pagamenti sovrani pan-Ewropej fir-rigward tal-provvista ta' sovranità u reżiljenza Ewropej akbar fil-pagamenti,

(b) l-impatt tas-soluzzjonijiet ta' pagamenti sovrani pan-Ewropej fuq il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni fis-swieq tal-pagamenti għal kull Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro.

Or. en

Emenda 608
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1e) Meta l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu (1b) tikkonkludi li soluzzjoni ta' pagament bl-imnut sovran pan-Ewropew topera f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(1)(c), tali konklużjoni għandha titqies valida biss sakemm dik is-soluzzjoni tkompli tikkonforma bis-sħiħ u b'mod kontinwu mal-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-punti (a) sa (f) ta' dik id-dispożizzjoni.
	Jekk xi waħda minn dawk il-konklużjonijiet ma tibqax tiġi ssodisfata fi kwalunkwe mument matul l-operazzjoni tas-soluzzjoni ta' pagament bl-imnut sovran pan-Ewropew, il-konklużjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 1(b) għandha titqies li ma għadhiex valida. F'każ bħal dan, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4(1) għandha titqies bħala attivata mill-ġdid b'mod awtomatiku, u l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jipproċedi, f'konformità ma' dan ir-Regolament, bil-ħruġ tal-euro

diġitali online abbażi tal-infrastruttura tal-pagamenti fuq ir-reġistru tal-BĊE.

Il-Kummissjoni għandha, għal dan il-għan, tistabbilixxi mekkaniżmu għall-monitoraġġ kontinwu tal-konformità mal-Artikolu 2(1)(c), u għandha tinforma fil-pront lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew dwar kwalunkwe avveniment kapaċi li jaffettwa tali konformità.

Or. en

Emenda 609
Stephen Nikola Bartulica, Marlena Maląg, Geadis Geadi, Nora Junco García, Diego Solier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-istabbiliment tal-euro diġitali online bħala forma diġitali tal-munita unika għandu jiġi soġġett għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafi 1b u 1c.

Or. en

Emenda 610
Stephen Nikola Bartulica, Marlena Maląg, Geadis Geadi, Nora Junco García, Diego Solier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar it-tlestija tal-ħidma preparatorja għall-ħarġa tal-euro diġitali offline.
	Filwaqt li titqies l-informazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kummissjoni

għandha tivvaluta jekk soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani pan-Ewropej joperawx u jippermettux pagamenti fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro fir-rigward ta' pagamenti minn persuna għal oħra, fil-punt tal-bejgħ u permezz tal-kummerċ elettroniku, jew direttament jew permezz tal-interoperabbiltà ma' soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani Ewropej oħra.

Fi żmien 6 xhur mir-riċevuta tal-informazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew skont l-ewwel subparagafu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, filwaqt li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tiegħu skont it-tieni subparagrafu.

Fir-rapport imsemmi fit-tielet subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll:

(a) il-progress tas-soluzzjonijiet ta' pagamenti sovrani pan-Ewropej fir-rigward tal-provvista ta' sovranità u reżiljenza Ewropej akbar fil-pagamenti,

(b) l-impatt tas-soluzzjonijiet ta' pagamenti sovrani pan-Ewropej fuq il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni fis-swieq tal-pagamenti. [ES1]test meħud mill-abbozz ta' rapport.

Or. en

Emenda 611
Stephen Nikola Bartulica, Marlena Maląg, Geadis Geadi, Nora Junco García, Diego Solier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każ li r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1b, it-tielet subparagrafu, jikkonkludi valutazzjoni negattiva għal soluzzjoni ta'

pagament bl-imnut sovran pan-Ewropew skont il-paragrafu 1b, it-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport lill-Parlament Ewropew mingħajr dewmien. Il-Parlament Ewropew għandu jivvaluta r-rapport, fil-kuntest tad-Djalogu Monetarju kontinwu tiegħu mal-BĊE skont l-Artikolu 284(3) tat-TFUE, u, b'maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu, jadotta riżoluzzjoni li tapprova l-proposta tal-BĊE għall-istabbiliment tal-euro diġitali online bħala miżura regolatorja skont l-Artikolu 133 tat-TFUE, inkluża l-approvazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni meħtieġa, jew iżomm lura milli jagħmel dan, u b'hekk jagħlaq il-kwistjoni mingħajr aktar reviżjoni jew riferiment, soġġett għad-deċiżjoni tal-BĊE f'konformità mal-mandat tiegħu. Mingħajr preġudizzju għal fażi ta' introduzzjoni ta' mill-inqas 24 xahar, l-euro diġitali online għandu jitqies bħala approvat għall-ħruġ mar-riżoluzzjoni affermattiva tal-Parlament. Din hija soluzzjoni biex jiġi evitat it-tressiq ukoll ta' emendi għall-Artikolu 4 u biex it-test isir kompatibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din temenda l-paragrafu 1c tar-rapporteur billi tobbliga l-approvazzjoni parlamentari u tallinja mar-responsabbiltà tal-BĊE skont l-Artikolu 284(3) tat-TFUE u t-talbiet tal-ECR għal sorveljanza demokratika fid-disinn tal-euro diġitali.

Emenda 612
Luděk Niedermayer, Dirk Gotink

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a

Kundizzjonijiet għall-introduzzjoni tal-euro diġitali

1. L-introduzzjoni fuq skala sħiħa tal-euro diġitali għandha tkun ibbażata fuq l-ittestjar, il-valutazzjoni u l-ħidma preparatorja tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Wara li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, l-euro diġitali għandu jiġi introdott mingħajr dewmien. L-ebda kundizzjoniminn qabel addizzjonali ma għandha tkun meħtieġa għall-introduzzjoni tiegħu lil hinn minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament u dawk meħtieġa biex ikun żgurat l-użu sikur u ordnat tiegħu.

Or. en

Emenda 613
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Separazzjoni tal-kompiti superviżorji u dawk tal-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew
	Il-kompiti monetarji, superviżorji u ta' sorveljanza tas-sistemi ta' pagament tal-Bank Ċentrali Ewropew f'konformità mal-Artikoli 119 sa 144, 219 u 282 sa 284 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-attivitajiet tal-BĊE fir-rigward tas-sistema ta' pagament tal-euro diġitali għandhom jiġu sseparati b'mod organizzazzjonali.

Or. en

Emenda 614

Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ħruġ tal-euro diġitali	Ħruġ ***u natura*** tal-euro diġitali

Or. en

Emenda 615
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***F'konformità mat-Trattati,*** il-Bank Ċentrali Ewropew ***għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu*** l-euro diġitali.	1. Il-Bank Ċentrali Ewropew ***jista' joħroġ*** l-euro diġitali.
	Dan il-ħruġ għandu jkun:
	a) ristrett għall-parteċipanti bl-imnut, inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istituzzjonijiet ta' pagamenti, id-ditti ta' investiment, u l-infrastrutturi dežinjati tas-suq;
	b) ħruġ offline limitat għal programmi pilota, soġġett għal tranżazzjoni stretta u limiti massimi ta' żamma.

Or. en

Emenda 616
Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, César Luena, Costas Mavrides, Lara Wolters

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu ***jkollu*** d-dritt esklużiv li ***jawtorizza l-ħruġ tal-euro*** diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ***jistgħu*** joħorġu l-euro diġitali.	1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu d-dritt esklużiv li ***joħroġ l-euro*** diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ***għandhom*** joħorġu l-euro diġitali.

Or. en

Emenda 617
Luděk Niedermayer, Martine Kemp

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu ***jkollu*** d-dritt esklużiv li ***jawtorizza l-ħruġ tal-euro*** diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu l-euro diġitali.	1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu d-dritt esklużiv li ***joħroġ l-euro*** diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu l-euro diġitali.

Or. en

Emenda 618
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu l-euro diġitali.	1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu l-euro diġitali***, soġġett għall-proċedura meħtieġa skont il-paragrafu 1a (ġdid)***.

Or. en

Emenda 619
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu l-euro diġitali.	1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu l-euro diġitali ***bħala forma ta' munita diġitali tal-bank ċentrali għall-użu bl-imnut***.

Or. en

Emenda 620
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu l-euro diġitali.	1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu l-euro diġitali ***bħala forma ta' munita diġitali tal-bank ċentrali għall-użu bl-imnut***.

Or. en

Emenda 621

Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu l-euro diġitali.	1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu l-euro diġital ***bħala forma ta' munita legali tal-bank ċentrali għall-użu bl-imnut***.

Or. en

Emenda 622
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Qabel il-ħruġ ippjanat tal-euro diġitali, il-BĊE għandu jippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li juri l-konformità tal-proġett mar-regoli stabbiliti minn dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-kumitat rilevanti tal-konfigurazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

Or. en

Emenda 623
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kull ħruġ ta' euro diġitali b'kuntatt dirett mal-konsumaturi, online jew ibbażat fuq kontijiet huwa pprojbit skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 624
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor, Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-euro diġitali għandu jkun responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali.	2. L-euro diġitali għandu jkun ***entrata ta'*** responsabbiltà diretta ***fuq il-karta bilanċjali*** tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali. ***L-ammonti miżmumin tal-euro diġitali għandhom ikunu l-proprjetà tal-utenti tal-euro diġitali u mhux tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi tal-euro diġitali.***

Or. en

Emenda 625
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-euro diġitali għandu jkun responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali.	2. L-euro diġitali għandu jkun responsabbiltà diretta ***fuq il-karta bilanċjali*** tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali. ***Għandu jkun il-proprjetà esklużiva tal-utenti tal-euro***

diġitali.

Or. en

Emenda 626
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-euro diġitali għandu jkun responsabbiltà ***diretta*** tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali.	2. L-euro diġitali għandu jkun ***entrata ta'*** responsabbiltà ***fuq il-karta bilanċjali*** tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 627
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-euro diġitali għandu jkun responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali.	2. L-euro diġitali għandu jkun ***entrata ta'*** responsabbiltà diretta ***fuq il-karta bilanċjali*** tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 628
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-euro diġitali għandu jkun responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali.	2. L-euro diġitali għandu jkun responsabbiltà diretta ***fuq il-karta bilanċjali*** tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 629
Luděk Niedermayer, Martine Kemp

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-euro diġitali ***għandu jkun*** responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali.	2. L-euro diġitali ***huwa*** responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 630
Stephen Nikola Bartulica, Marlena Maląg, Geadis Geadi, Nora Junco García, Diego Solier

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jwettaq mingħajr dewmien il-kompiti tekniċi u organizzazzjonali kollha għall-ħruġ tal-euro diġitali offline, b'mod partikolari:
	(a) it-tlestija tal-ġabra tar-regoli;
	(b) l-iżvilupp u l-varar tal-infrastruttura neċessarja;
	(c) l-arranġamenti organizzazzjonali

kollha;

(d) id-dispożizzjonijiet dwar il-governanza;

(e) l-ittestjar pilota b'suċċess b'utenti finali reali f'ambjent tal-ittestjar ikkontrollat, inkluża fażi ta' validazzjoni tas-sigurtà ddedikata fejn il-BĊE għandu jalloka żmien biżżejjed, mill-inqas 6 xhur, għal organizzazzjonijiet ta' partijiet terzi indipendenti b'kompetenza speċifika dwar hacking biex iwettqu ttestjar ta' penetrazzjoni komprensiv (eżerċizzji "red team") fuq l-apparati, l-infrastruttura u l-protokolli tal-euro diġitali offline, bl-għan li jivverifikaw ir-reżistenza kontra l-aċċess mhux awtorizzat, bis-sejbiet irrappurtati pubblikament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel ma jiffinalizza il-ġabra ta' regoli;

(f) li l-ittestjar pilota jinkludi b'mod espliċitu kampjun rappreżentattiv ta' persuni anzjani u persuni b'ħiliet diġitali limitati jew b'diżabbiltà, bil-għan li jiġi żgurat li l-euro diġitali offline jista' jintuża mill-gruppi kollha tal-popolazzjoni, inkluż dawk li huma diġitalment esklużi jew jiddependu b'mod qawwi fuq il-flus kontanti;

(g) l-ikkummissjonar ta' rapport indipendenti dwar il-fattibbiltà dwar alternattivi bbażati fuq sors miftuħ għall-euro diġitali online biex jiġu vvalutati s-sigurtà, il-privatezza, l-interoperabbiltà u r-reżiljenza tagħhom kontra punti uniċi ta' falliment, f'konformità mal-Istrateġija tal-Kummissjoni għal Software b'Sors Miftuħ 2020-2023[1a]; ir-rapport għandu jitlesta waqt il-fażi ta' tħejjija għall-euro diġitali offline u jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġi kkunsidrat qabel kwalunkwe deċiżjoni ta' ħruġ online;

(h) l-iżvilupp ta' regoli ċari dwar ir-responsabbiltà għall-ħsara finanzjarja li tirriżulta minn disfunzjonijiet tas-sistema, attakki ċibernetiċi, jew fallimenti operazzjonali oħra, inkluži mekkaniżmi

ta' kumpens għall-utenti affettwati, l-allokazzjoni tar-responsabbiltà bejn il-BĊE, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament, u l-awtoritajiet tal-Istati Membri, u fondi obbligatorji ta' assigurazzjoni jew ta' riżerva, biex jiġu finalizzati u rrappurtati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel il-ħruġ.

[1a] ***Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni "Strateġija għal Software b'Sors Miftuħ 2020-2023 - Think Open", tal-21 ta' Ottubru 2020 (C(2020)7149 final).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn iż-żidiet jirfinaw il-prijoritizzazzjoni offline tar-rapporteur billi jintegraw kontrolli u inklużjoni rigoruża u indipendenti, filwaqt li jiżguraw euro diġitali sigura u li tirrispetta l-privatezza li tikkomplementa (mhux tissostitwixxi) il-flus kontanti. Dawn isaħħu r-responsabbiltà demokratika (rapportar lill-Parlament/Kunsill) mingħajr ma jdewmu l-ħruġ, filwaqt li jappoġġaw talbiet għall-kawtela fir-rigward ta' riskji ta' ċentralizzazzjoni.

Emenda 631
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-euro diġitali, bħala assi intanġibbli u forma ta' bażi monetarja, għandu jinżamm esklużivament minn utenti tal-euro diġitali. Ma għandux jikkostitwixxi l-proprjetà ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament li joffru servizzi ta' pagament tal-euro diġitali, u lanqas ta' kwalunkwe intermedjarju ieħor.

Or. en

Emenda 632
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-euro diġitali għandu jkun, bħala assi immaterjali, il-proprjetà unika tal-utenti tal-euro diġitali. Ma għandux ikun il-proprjetà ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament tal-euro diġitali jew ta' kwalunkwe intermedjarju ieħor.

Or. en

Emenda 633
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-euro diġitali għandu jkun assi immaterjali u l-proprjetà unika tal-utenti tal-euro diġitali. Ma għandux ikun il-proprjetà ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament ta' servizzi tal-euro diġitali jew ta' kwalunkwe intermedjarju ieħor.

Or. en

Emenda 634
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2b. L-ammonti miżmumin tal-euro diġitali u l-mezzi ta' aċċess għalihom għandhom ikunu lil hinn mill-portata tal-krediturі tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament ta' servizzi ta' pagament tal-euro diġitali. Meta jkunu nfetħu proċedimenti tal-falliment jew proċedimenti oħra kontra fornitur ta' servizzi ta' pagament li jipprovdi servizzi ta' pagament tal-euro diġitali, l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali u l-mezzi ta' aċċess għalihom għandhom jibqgħu l-proprjetà tal-utenti tal-euro diġitali u ma għandhomx jikkostitwixxu oġġett ta' tali proċedimenti. L-utenti tal-euro diġitali jistgħu jibdlu l-fornituri ta' servizzi ta' pagament f'konformità mal-Artikolu 31(2), jew jistgħu jitolbu definanzjament tal-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali.

Or. en

Emenda 635
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jwettaq mingħajr dewmien il-kompiti tekniċi u organizzazzjonali kollha għall-ħruġ tal-euro diġitali offline, b'mod partikolari:
	(a) it-tlestija tal-ġabra tar-regoli;
	(b) l-iżvilupp u l-varar tal-infrastruttura neċessarja;
	(c) l-arranġamenti organizzazzjonali kollha;
	(d) id-dispożizzjonijiet dwar il-governanza; u
	(e) l-ittestjar pilota b'suċċess b'utenti finali reali f'ambjent tal-ittestjar

ikkontrollat;

Or. en

Emenda 636
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-ħidma preparatorja u l-ittestjar neċessarji kollha għandhom jitwettqu mill-Bank Ċentrali Ewropew;

Or. en

Emenda 637
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Ittestjar pilota
	1. Qabel ma jieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 4(1) biex jawtorizza l-ewwel ħruġ tal-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiżgura li l-euro diġitali jkun għadda minn ittestjar pilota f'ambjent tal-ħajja reali kkontrollat għal żmien suffiċjenti. Il-proġett pilota għandu jinkludi funzjonalitajiet kemm online kif ukoll offline, b'attenzjoni partikolari għal riskji ċibernetiċi speċifiċi għall-funzjonalitajiet offline, inklużi l-prevenzjoni tal-infiq doppju, l-integrità tal-apparat, il-protezzjoni taċ-ċavetta kriptografika u r-reżiljenza tal-elementi siguri.

2. Il-proġett pilota għandu jinvolvi lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, u għażla ta' negozjanti u utenti finali. Dan għandu jirrifletti diversità ta' ambjenti teknoloġiċi, kundizzjonijiet tan-network, tipi ta' apparat u profili tal-utent, sabiex jiġu ttestjati r-reżiljenza ċibernetika, ir-reżiljenza operazzjonali u s-sensibilizzazzjoni tal-utent dwar is-sigurtà tas-sistema.

3. Mat-tlestija tal-proġett pilota, u qabel kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikolu 4(1), il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippubblika rapport li jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-proġett pilota, in-nuqqasijiet identifikati u l-miżuri korrettivi meħuda. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Ir-rapport għandu jipprovdi wkoll:

(a) valutazzjoni tas-sigurtà ċibernetika u tal-prestazzjoni operazzjonali u tar-reżiljenza u tal-preparatezza għal theddid emerġenti;

(b) valutazzjoni tad-dipendenzi tas-sigurtà u tar-riskji li jirriżultaw minn forniturі ta' servizzi terzi, inklużi forniturі tas-servizz tal-cloud;

(c) il-miżuri meħuda biex jiġi żgurat li l-infrastruttura tal-euro diġitali tintegra fid-disinn u l-operazzjoni tagħha l-ogħla standards għall-protezzjoni tal-privatezza, inklużi karatteristiċi tekniċi kriptografiċi u tal-kriptaġġ tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku.

Or. en

Emenda 638
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament

Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Separazzjoni tal-kompiti superviżorji u dawk tal-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew
	1. Għandha tiġi stabbilita separazzjoni ċara bejn il-kompiti monetarji, superviżorji u ta' sorveljanza tas-sistemi ta' pagament tal-Bank Ċentrali Ewropew f'konformità mal-Artikoli 119 sa 144, 219 u 282 sa 284 tat-TFUE, u l-attivitajiet tiegħu fir-rigward tas-sistema ta' pagament bl-euro diġitali.
	2. Għal dak il-għan, għandha tiġi stabbilita unità ddedikata fi ħdan il-Bank Ċentrali Ewropew. Din l-unità għandu jkollha kompetenza esklużiva biex twettaq il-kompiti tal-Bank Ċentrali Ewropew relatati mal-operat u l-ġestjoni ta' sistema u infrastruttura ta' pagament bl-euro diġitali.
	3. L-unità għandha tkun indipendenti f'termini ta' kontabbiltà, organizzazzjoni u proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 639
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu jkun rregolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, issupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont ***l-Artikoli 11, 33, 34, 35 u*** 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta	1. L-euro diġitali għandu jkun rregolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, issupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont ***l-Artikolu*** 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu

skont l-Artikolu 37.	37.

Or. en

Emenda 640
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu jkun rregolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, issupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli 11, 33, 34, 35 u 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont ***l-Artikolu 37***.	1. L-euro diġitali għandu jkun rregolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, issupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli 11, ***16,*** 33, 34, 35***,*** ***37*** u 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont ***l-Artikoli 17, 17a, 17b, 17c, 17d, u 33***.

Or. en

Emenda 641
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu jkun rregolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, issupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli 11, ***33***, 34, 35 u 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont ***l-Artikolu 37***.	1. L-euro diġitali għandu jkun rregolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, issupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli 11, ***14***, 34, 35***, 36, 37*** u 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont ***l-Artikoli 13 u 33***.

Or. en

Emenda 642
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali ma għandux jaffettwa l-ħtieġa tal-Istati Membri li jiżguraw id-disponibbiltà ġeografika kontinwa ta' faċilitajiet tal-ġbid tal-flus kontanti, b'mod partikolari f'żoni rurali, remoti jew li fihom mhemmx biżżejjed servizzi.

Or. en

Emenda 643
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-euro diġitali għandu jkun regolat ukoll bil-miżuri, bir-regoli u bl-istandards dettaljati li jistgħu jiġu adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta dawn il-miżuri, ir-regoli u l-istandards dettaljati jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertà tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel l-adozzjoni tagħhom.	2. Fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-euro diġitali għandu jkun regolat ukoll bil-miżuri, bir-regoli u bl-istandards dettaljati li jistgħu jiġu adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta dawn il-miżuri, ir-regoli u l-istandards dettaljati jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertà tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel l-adozzjoni tagħhom. ***Tali miżuri, regoli u standards dettaljati għandhom jimplimentaw bis-sħiħ il-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-data u tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, kif definiti fir-Regolament (UE) 2016/679, u għandhom jimplimentaw teknoloġiji li***

jsaħħu l-privatezza.

Or. en

Emenda 644
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jistabbilixxi pjattaforma ta' governanza għall-ġabra ta' regoli dwar l-euro diġitali. Il-pjattaforma għandha tinkludi parteċipanti mis-suq għas-servizzi ta' pagament, tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' awtoregolazzjoni u għandha tgħin biex jiġu stabbiliti l-ambitu funzjonali u l-istandards u r-regoli minimi komuni għal ċerti servizzi ta' pagament bl-euro diġitali li jirrikjedu l-interoperabbiltà bejn fornituri ta' servizzi ta' pagament jew mal-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 645
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***F'konformità mal-Artikolu 4(25) tad-Direttiva*** (UE) 2015/2366 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, kif issostitwita bid-Direttiva (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Direttiva dwar is-servizzi ta' pagament u s-servizzi***	3. ***Id-Direttiva*** (UE) 2015/2366 ***[PSD3/PSR] għandha tapplika*** għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali***, bl-eċċezzjoni ta':***

ta' flus elettroniċi fis-suq intern - COM/2023/366 final] u r-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern - COM/2023/367 final] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' XX/XX/2023, id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali***.***

- id-dispożizzjonijiet dwar servizzi ta' bidu ta' pagament fil-Kapitolu III ta' dik id-Direttiva u dak ir-Regolament;

- dawk id-dispożizzjonijiet li jagħtu lill-Istati Membri l-possibbiltà li jistabbilixxu regoli addizzjonali

Or. en

Emenda 646
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***F'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament*** (UE) 2021/1230 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar il-pagamenti transkonfinali fl-Unjoni, kif emendat bir-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro - COM/2023/368 final], id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw*** għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.	4. ***Ir-Regolament*** (UE) 2021/1230 ***għandu japplika*** għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 647
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. F'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) 2021/1230 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar il-pagamenti transkonfinali fl-Unjoni, kif emendat bir-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro - COM/2023/368 final]***, id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.	4. F'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) 2021/1230, id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 648
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Mingħajr preġudizzju ***għall-Artikoli*** 37 ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva (UE) ***2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu*** u r-Regolament (UE) ***2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi,*** għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.	5. Mingħajr preġudizzju ***għall-Artikolu*** 37 ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva (UE) ***2024/1640*** u r-Regolament (UE) ***2023/1113*** għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 649
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Mingħajr preġudizzju ***għall-Artikoli*** 37 ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva (UE) ***2015/849*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, tal-20 ta' Mejju 2015,*** dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u r-Regolament (UE) ***2015/847*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-20 ta' Mejju 2015*** dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.	5. Mingħajr preġudizzju ***għall-Artikolu*** 37 ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva (UE) ***2024/1640*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u r-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024*** dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u r-Regolament (UE) ***2023/1113*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-31 ta' Mejju 2023*** dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi ***u ta' ċerti kriptoassi***, għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 650
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-

14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju għandu japplika għal fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 651
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. L-atti legali msemmija fil-paragrafi 2 sa 6 għandhom japplikaw sal-punt li l-kwistjoni ma tkunx koperta minn dan ir-Regolament, u sa fejn ikunu kompatibbli miegħu. Meta kwistjoni tkun koperta kemm minn dan ir-Regolament kif ukoll minn dawk l-atti tal-Unjoni, għandu jipprevali dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 652
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar sabiex jiżguraw il-konformità mal-Kapitolu III u mal-Artikolu 17 fit-territorju tagħhom. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwarhom, filwaqt li jindikaw kwalunkwe tqassim tal-funzjonijiet u tad-dmirijiet.	L-Istati Membri ***li l-munita tagħhom hija l-euro*** għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar sabiex jiżguraw il-konformità mal-Kapitolu III u mal-Artikolu 17 fit-territorju tagħhom. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwarhom, filwaqt li jindikaw kwalunkwe tqassim tal-funzjonijiet u tad-

dmirijiet.

Or. en

Emenda 653
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tal-Kapitolu III u tal-Artikolu 17 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn ir-regoli jiġu implimentati, inkluża s-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti li jaċċessaw id-data meħtieġa. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.	L-Istati Membri ***li l-munita tagħhom hija l-euro*** għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tal-Kapitolu III u tal-Artikolu 17 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn ir-regoli jiġu implimentati, inkluża s-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti li jaċċessaw id-data meħtieġa. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri ***li l-munita tagħhom hija l-euro*** għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

Or. en

Emenda 654
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' April 2016, dwar il-protezzjoni tal-

persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data għandu jirregola s-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, ir-reġim ta' sanzjonijiet u l-arranġamenti superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljarji u l-Istati Membri ospitanti, fir-rigward tal-konformità mill-kontrolluri tad-data tal-obbligi tagħhom skont il-Kapitolu VIII ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 655
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-Direttiva (UE) ***2015/849 kif issostitwita bid-Direttiva (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għad-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final] għandha tirregola s-superviżjoni*** mill-awtoritajiet kompetenti, ir-reġim ***tas-sanzjonijiet*** u l-arranġamenti superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljarji u tal-Istati Membri ospitanti, rigward l-attivitajiet tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament fir-rigward tal-euro diġitali għall-fini tal-iżgurar tal-konformità mal-Kapitolu IX ***tar-Regolament (UE) Nru [x] dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali***.	3. Id-Direttiva (UE) ***2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u r-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu għandhom jirregolaw is-superviżjoni*** mill-awtoritajiet kompetenti, ir-reġim ***tal-infurzar*** u l-arranġamenti superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljarji u tal-Istati Membri ospitanti, rigward l-attivitajiet tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament fir-rigward tal-euro diġitali għall-fini tal-iżgurar tal-konformità mal-Kapitolu IX ***ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 656
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-Istati Membri*** għandhom ***jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri adegwati*** sabiex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar id-disponibbiltà u l-karatteristiċi tal-euro diġitali u l-possibbiltajiet ta' aċċess għall-euro diġitali.	5. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew, il-banek ċentrali nazzjonali u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali*** għandhom ***jorganizzaw, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti inklużi l-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament, in-negozjanti u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, kampanja ta' informazzjoni dwar l-euro diġitali madwar l-UE sabiex tiġi pprovduta informazzjoni bbażata fuq il-fatti u*** sabiex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar ***il-ħruġ,*** id-disponibbiltà u l-karatteristiċi tal-euro diġitali u l-possibbiltajiet ta' aċċess għall-euro diġitali ***u l-użu tiegħu***.

Or. en

Emenda 657
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri adegwati sabiex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar id-disponibbiltà u l-karatteristiċi tal-euro diġitali u ***l-possibbiltajiet ta' aċċess għall-euro diġitali***.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri adegwati sabiex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku ***u n-negozjanti*** dwar id-disponibbiltà u l-karatteristiċi tal-euro diġitali u ***l-benefiċċji tiegħu f'termini tas-sovranità, ir-reżiljenza, l-inklużività u l-aċċessibbiltà monetarja***.

Or. en

Emenda 658
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Kapitolu III

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
III [...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pagamenti bl-euro diġitali għandhom jiġu aċċettati biss abbażi ta' kunsens ċar bejn il-pagatur u l-prenditur, kif inhu l-każ b'sistemi ta' pagament oħra li qed jikkompeti magħhom l-euro diġitali. Dan joħloq kundizzjonijiet ekwi fis-suq tas-sistemi ta' pagament.

Emenda 659
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu ***jkollha status*** ta' valuta legali.	1. L-euro diġitali ***bl-imnut*** għandu ***jkun*** ta' valuta legali ***biss għas-saldu bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-awtoritajiet pubbliċi***.

Or. en

Emenda 660
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-ebda status ta' valuta legali ma għandu japplika għall-pagamenti bl-imnut, online jew tal-konsumatur. L-euro

	diġitali offline użat fi skemi pilota ma għandux jakkwista l-istatus ta' valuta legali.

Or. en

Emenda 661
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'konformità mal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-euro diġitali, il-prenditur ma għandux jirrifjuta l-euro diġitali offrut bi ħlas sabiex jikkonforma ma' dak l-obbligu.	3. F'konformità mal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-euro diġitali, il-prenditur ma għandux jirrifjuta l-euro diġitali offrut bi ħlas sabiex jikkonforma ma' dak l-obbligu. ***Għal dan il-għan, meta l-prenditur ikun obbligat li jaċċetta l-euro diġitali online kif ukoll offline, il-pagatur għandu jkun intitolat li jagħżel bejn tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali online kif ukoll offline.***

Or. en

Emenda 662
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-prenditur huwa obbligat li jaċċetta l-euro diġitali online kif ukoll offline. Il-pagatur għandu jkun intitolat li jagħżel bejn tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali online kif ukoll offline.

Or. en

Emenda 663
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali, kif stabbilit fil-paragrafu 1, jirrikjedi li l-valur nominali sħiħ tiegħu jiġi ppreżervat fit-tranżazzjonijiet bażiċi ta' pagament kollha. Għaldaqstant, l-ebda tariffa, imposta, imposta addizzjonali jew tnaqqis ma jista' jnaqqas il-valur monetarju riċevut minn prenditur jew jimponi kostijiet fuq pagatur għal tranżizzjonijiet bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali. Kull attentat li jiġu imposti dawn il-kostjiet, kemm direttament kif ukoll indirettament, għandu jkun null u jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-valuta legali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti mekkaniżmi ta' infurzar effettiv biex jiġi evitat dan il-ksur.

Or. en

Emenda 664
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-prendituri, li jkun qed joperaw f'ambjenti fiżiċi, virtwali jew fit-tnejn, għandhom jaċċettaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali fil-punti ta' interazzjoni rispettivi tagħhom bl-istess mod kif jaċċettaw pagamenti diġitali oħra.

Or. en

Emenda 665
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-prendituri, li jkun qed joperaw f'ambjenti fiżiċi, virtwali jew fit-tnejn, għandhom jaċċettaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali fil-punti ta' interazzjoni rispettivi tagħhom bl-istess mod kif jaċċettaw pagamenti diġitali oħra.

Or. en

Emenda 666
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kamp ta' applikazzjoni ***territorjali*** tal-istatus ta' valuta legali	Kamp ta' applikazzjoni tal-istatus ta' valuta legali

Or. en

Emenda 667
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu jkollha status ta' valuta legali għall-pagamenti offline ta' dejn monetarju denominat f'euro li jseħħu fiż-żona tal-euro.	***imħassar***

Or. en

Emenda 668
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu ***jkollha*** status ta' valuta legali għall-pagamenti offline ta' dejn monetarju denominat f'euro li jseħħu fiż-żona tal-euro.	1. ***Mingħajr preġudizzju għall-istatus ta' valuta legali tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro f'konformità ma' [ir-Regolament dwar il-valuta legali tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro],*** l-euro diġitali għandu ***jkollu*** status ta' valuta legali għall-pagamenti offline ta' dejn monetarju denominat f'euro li jseħħu fiż-żona tal-euro..

Or. en

Emenda 669
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu ***jkollha status*** ta' valuta legali ***għall-pagamenti*** offline ta' dejn monetarju denominat f'euro li jseħħu fiż-żona tal-euro.	1. L-euro diġitali għandu ***jkollu l-istatus*** ta' valuta legali ***fir-rigward tal-pagamenti*** offline ta' dejn monetarju denominat f'euro li jseħħu fiż-żona tal-euro.

Or. en

Emenda 670
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-euro diġitali għandu ***jkollha status*** ta' valuta legali ***għall-pagamenti*** online ta' dejn monetarju denominat f'euro lil prenditur li jirrisjedi jew stabbilit fiż-żona tal-euro.	2. L-euro diġitali għandu ***jkollu l-istatus*** ta' valuta legali ***fir-rigward tal-pagamenti*** online ta' dejn monetarju denominat f'euro lil prenditur li jirrisjedi jew stabbilit fiż-żona tal-euro.

Or. en

Emenda 671
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għall-fini tal-Artikolu 7(3), meta l-prenditur ikun obbligat li jaċċetta l-euro diġitali online kif ukoll offline, il-pagatur għandu jkun intitolat li jagħżel bejn tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali online kif ukoll offline.

Or. en

Emenda 672
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-prendituri, li jkun qed joperaw f'ambjenti fiżiċi, virtwali jew fit-tnejn, għandhom jaċċettaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali fil-punti ta'

interazzjoni rispettivi tagħhom bl-istess mod kif jaċċettaw pagamenti diġitali oħra.

Or. en

Emenda 673
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Regoli addizzjonali dwar il-valuta legali
	1. Għall-fini tal-Artikolu 7(3), meta l-prenditur ikun obbligat li jaċċetta tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online kif ukoll offline, il-pagatur għandu jkun intitolat li jagħżel bejn tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali online kif ukoll offline.
	2. Il-prendituri, li jkun qed joperaw f'ambjenti fiżiċi, virtwali jew fit-tnejn, għandhom jaċċettaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali fil-punti ta' interazzjoni rispettivi tagħhom bl-istess mod kif jaċċettaw pagamenti diġitali oħra.

Or. en

Emenda 674
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Regoli addizzjonali dwar il-valuta legali
	Għall-fini tal-Artikolu 7(3), meta l-

prenditur ikun obbligat li jaċċetta l-euro diġitali online kif ukoll offline, il-pagatur għandu jkun intitolat li jagħżel bejn tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali online kif ukoll offline.

Il-prendituri, li jkun qed joperaw f'ambjenti fiżiċi, virtwali jew fit-tnejn, għandhom jaċċettaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali fil-punti ta' interazzjoni rispettivi tagħhom bl-istess mod kif attwalment jaċċettaw pagamenti diġitali oħra.

Or. en

Emenda 675
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor, Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Regoli addizzjonali dwar il-valuta legali
	1. Għall-fini tal-Artikolu 7(3), meta l-prenditur ikun obbligat li jaċċetta l-euro diġitali online kif ukoll offline, il-pagatur għandu jkun intitolat li jagħżel bejn tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali online kif ukoll offline.
	2. Il-prendituri, li jkun qed joperaw f'ambjenti fiżiċi, virtwali jew fit-tnejn, għandhom jaċċettaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali fil-punti ta' interazzjoni rispettivi tagħhom bl-istess mod kif attwalment jaċċettaw pagamenti diġitali oħra.

Or. en

Emenda 676

Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Eero Heinäluoma, César Luena, Costas Mavrides

Proposta għal regolament
Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 9	***imħassar***
Eċċezzjonijiet għall-obbligu li jiġi aċċettat l-euro diġitali	
B'deroga mill-Artikolu 7(3) u mill-Artikolu 8, prenditur għandu jkun intitolat li jirrifjuta l-euro diġitali fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:	
(a) meta l-prenditur ikun intrapriża li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti;	
(b) meta rifjut isir bona fide u meta tali rifjut ikun ibbażat fuq raġunijiet leġittimi u temporanji f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità fid-dawl ta' ċirkostanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tal-prenditur;	
(c) meta l-prenditur ikun persuna fiżika li taġixxi matul attività purament personali jew domestika;	
(d) meta, qabel il-pagament, il-prenditur ikun qabel mal-pagatur fuq mezz differenti ta' pagament, soġġett għall-Artikolu 10.	
Għall-finijiet tal-punt (b), l-oneru tal-provi sabiex jiġi stabbilit li kienu jeżistu raġunijiet leġittimi u temporanji f'każ partikolari u li r-rifjut kien proporzjonat għandu jkun fuq il-prenditur.	

[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 677
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-Artikolu 7(3) u mill-Artikolu 8, prenditur għandu ***jkun intitolat*** li jirrifjuta l-euro diġitali ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:***	***Kwalunkwe*** prenditur għandu ***jkollu d-dritt*** li jirrifjuta l-euro diġitali***;***

Or. en

Emenda 678
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-prenditur ikun intrapriża ***li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], sakemm*** ma ***jaċċetta***x mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti;	(a) meta l-prenditur ikun intrapriża ***jew professjonist li jaħdem għal rasu li jaġixxi matul attivitajiet professjonali li*** ma ***jaċċettawx*** mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti;

[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 679
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-prenditur ikun intrapriża li timpjega anqas minn ***10 persuni*** jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx ***iż-EUR 2 miljun, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti***;	(a) meta l-prenditur ikun intrapriża li timpjega anqas minn ***250 persuna*** jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx ***l-EUR 20 miljun***;

[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 680
Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-prenditur ikun intrapriża ***li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun,*** jew ***ikun*** entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44]***, sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti;	(a) meta l-prenditur ikun intrapriża ***jew persuna li taħdem għal rasha*** jew entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695***, li taċċetta biss trasferimenti ta' kreditu mhux mibdija fil-punt ta' interazzjoni jew debiti diretti mhux mibdija fil-punt ta' interazzjoni***, sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti;

[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 681
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-prenditur ikun intrapriża ***li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx iż-***	(a) meta l-prenditur ikun intrapriża ***jew persuna li taħdem għal rasha*** jew entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament

EUR 2 miljun, jew ***ikun*** entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], ***sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti***;

[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

(UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], ***li taċċetta biss trasferimenti ta' kreditu mhux mibdija fil-punt ta' interazzjoni jew debiti diretti mhux mibdija fil-punt ta' interazzjoni***;

[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 682
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-prenditur ikun ***intrapriża li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun,*** jew ***ikun*** entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti;	(a) meta l-prenditur ikun ***persuna li taħdem għal rasha*** jew entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti; ***jew intrapriża li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun, sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti;***

[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa

[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa

– il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

– il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 683
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-prenditur ikun intrapriża ***li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun***, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti;	(a) meta l-prenditur ikun intrapriża ***żgħira kif definita fl-Artikolu 2(2) tar-Rakkomadazzjoni tal-Kummissjoni 2003/1422***, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti;
[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).	[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 684
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-prenditur ikun intrapriża li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti;	(a) meta l-prenditur ikun ***persuna li taħdem għal rasha, jew*** intrapriża li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti ***jew karti tal-kreditu***;
[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).	[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 685
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***meta l-prenditur ikun intrapriża*** li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx ***iż-EUR 2 miljun***, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u	(a) ***prenditur, li ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagament, li jkun mikrointrapriża*** li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx ***il-EUR 1 miljun***, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament

tal-Kunsill[44]***, sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti***;	(UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44];
[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).	[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 686
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-prenditur ikun intrapriża li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali ***komparabbli*** ta' pagamenti;	(a) meta l-prenditur ikun intrapriża li timpjega anqas minn 10 persuni jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx iż-EUR 2 miljun, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali ta' pagamenti;
[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).	[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 687
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Il-prendituri li jkunu qed joperaw f'punt tal-bejgħ fiżiku jew virtwali, jew kombinazzjoni tat-tnejn, jeħtiġilhom jaċċettaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali fil-punti ta' interazzjoni dežinjati rispettivi tagħhom bl-istess mod kif jaċċettaw il-pagamenti diġitali.

Or. en

Emenda 688
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta rifjut isir bona fide u meta tali rifjut ikun ibbażat fuq raġunijiet leġittimi u temporanji f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità fid-dawl ta' ċirkostanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tal-prenditur;	(b) meta rifjut isir bona fide u meta tali rifjut ikun ibbażat fuq raġunijiet leġittimi***, tekniċi*** u temporanji f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità fid-dawl ta' ċirkostanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tal-prenditur;

Or. en

Emenda 689
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-prenditur ikun persuna fiżika ***li taġixxi matul attività purament personali jew domestika***;	(c) meta l-prenditur ikun persuna fiżika ***jew persuna li taħdem għal rasha***;

Or. en

Emenda 690
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-prenditur ikun persuna fiżika li taġixxi matul attività purament personali jew domestika;	(c) meta l-prenditur ikun persuna fiżika li taġixxi matul attività purament personali jew domestika ***jew professjonist li jaħdem għal rasu li jaġixxi matul l-attivitajiet professjonali tiegħu***;

Or. en

Emenda 691
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-prenditur ikun persuna fiżika li taġixxi matul attività purament personali jew domestika***;***	(c) meta l-prenditur ikun persuna fiżika li taġixxi matul attività purament personali jew domestika ***li ma taċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagament***

Or. en

Emenda 692
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) meta l-punt tal-bejgħ ikun punt tal-bejgħ mingħajr operatur li ma jaċċetta l-ebda mezz diġitali ta' pagament ieħor. Punt tal-bejgħ mingħajr operatur ifisser apparat fiżiku jew sistema li permezz tagħha l-oġġetti jew is-servizzi jiġu pprovduti direttament lill-pagatur jew f'isem il-prenditur, bi ħlas, mingħajr il-preżenza ta' kwalunkwe persunal jew aġenti tal-prenditur. Dan jinkludi magni tal-bejgħ, magni tal-biljetti, miters tal-parkeġġ, stazzjonijiet għall-għoti tal-fjuwil u għall-iċċarġar fejn wieħed jinqeda waħdu, u sistemi simili oħra.

Or. en

Emenda 693
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) meta l-punt tal-bejgħ ikun punt tal-bejgħ mingħajr operatur li ma jaċċetta l-ebda mezz diġitali ta' pagament ieħor.

Or. en

Emenda 694
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (b), l-oneru tal-provi	Għall-finijiet tal-punt (b), l-oneru tal-provi

sabiex jiġi stabbilit li kienu jeżistu raġunijiet leġittimi u temporanji f'każ partikolari u li r-rifjut kien proporzjonat għandu jkun fuq il-prenditur.	sabiex jiġi stabbilit li kienu jeżistu raġunijiet leġittimi u temporanji f'każ partikolari u li r-rifjut kien proporzjonat għandu jkun fuq il-prenditur. ***Eżenzjonijiet mill-obbligu tal-aċċettazzjoni obbligatorja prevista f'dan ir-Regolament għandhom jiġu applikati b'mod limitat u proporzjonat, sabiex jiġi żgurat li jinżamm l-użu mifrux tal-euro diġitali.***

Or. en

Emenda 695
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ***tal-punt*** (b), l-oneru tal-provi sabiex jiġi stabbilit li kienu jeżistu raġunijiet leġittimi u temporanji f'każ partikolari u li r-rifjut kien proporzjonat għandu jkun fuq il-prenditur.	Għall-finijiet ***tal-punti*** (b) ***u (d)***, l-oneru tal-provi sabiex jiġi stabbilit li kienu jeżistu raġunijiet leġittimi u temporanji f'każ partikolari u li r-rifjut kien proporzjonat għandu jkun fuq il-prenditur.

Or. en

Emenda 696
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Projbizzjoni tal-esklużjoni unilaterali tal-pagamenti fl-euro diġitali	
Il-prendituri soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw l-euro diġitali ma għandhomx jużaw termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew	

prattiki kummerċjali li għandhom l-għan jew l-effett li jeskludu l-użu tal-euro diġitali mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala mhux innegozjat individwalment meta jkun ġie abbozzat minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza tat-terminu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.

Or. en

Emenda 697
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Regina Doherty, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-prendituri soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw l-euro diġitali ***ma għandhomx jużaw termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali*** li ***għandhom*** l-għan jew l-effett li ***jeskludu*** l-użu tal-euro diġitali mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali ***jew prattiki kummerċjali*** ma għandhomx ***ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. Terminu kuntrattwali għandu jitqies*** bħala ***mhux innegozjat*** individwalment meta ***jkun ġie abbozzat*** minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza ***tat-terminu***, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.	***Kull terminu kuntrattwali li jibbażaw fuqu l-prendituri*** soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw l-euro diġitali***,*** li ***jkollu*** l-għan jew l-effett li ***jeskludi*** l-użu tal-euro diġitali mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro***, għandu jiġi nnegozjat individwalment***. Tali termini kuntrattwali ma għandhomx ***jitqiesu*** bħala ***li ġew innegozjati*** individwalment meta ***jkunu ġew abbozzati*** minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza ***tagħhom***, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt ***f'forma*** standard***,*** ifformulat minn qabel. ***Il-prendituri, kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu, ma għandhomx jużaw prattiki kummerċjali li jkollhom l-għan***

jew l-effett li jeskludu l-użu tal-euro diġitali mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro.

Termini kuntrattwali u prattiki kummerċjali pprojbiti skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur.

Or. en

Emenda 698
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-prendituri soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw l-euro diġitali ma għandhomx jużaw termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali li għandhom l-għan jew l-effett li jeskludu l-użu tal-euro diġitali mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala mhux innegozjat individwalment meta jkun ġie abbozzat minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza tat-terminu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.	***Meta l-pagatur ikun konsumatur,*** il-prendituri soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw l-euro diġitali ***fil-punt ta' interazzjoni*** ma għandhomx jużaw termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali li għandhom l-għan jew l-effett li jeskludu l-użu tal-euro diġitali mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur***, meta jaġixxi bħala konsumatur***. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala mhux innegozjat individwalment meta jkun ġie abbozzat minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza tat-terminu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel. ***Konsumatur ifisser kwalunkwe persuna fiżika li tkun qiegħda taġixxi għal finijiet li jkunu lil hinn mill-kummerċ, min-negozju, mis-sengħa jew mill-professjoni tagħha.***

Or. en

Emenda 699
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-prendituri soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw l-euro diġitali ma għandhomx jużaw termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali li għandhom l-għan jew l-effett li jeskludu l-użu tal-euro diġitali mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala mhux innegozjat individwalment meta jkun ġie abbozzat minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza tat-terminu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.	Il-prendituri soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw l-euro diġitali ma għandhomx jużaw termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali li għandhom l-għan jew l-effett li jeskludu l-użu tal-euro diġitali mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala mhux innegozjat individwalment meta jkun ġie abbozzat minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza tat-terminu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt ***f'forma*** standard ifformulat minn qabel.

Or. en

Emenda 700
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***
Eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura tad-dritt monetarju	
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura tad-dritt monetarju għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawk l-eċċezzjonijiet	

għandhom ikunu ġġustifikati minn objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali, u għandhom ikunu permessi biss dment li jkunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas tad-djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja għandhom jiġu ddeterminati biss mill-koleġiżlatur.

Emenda 701
Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Eero Heinäluoma, César Luena, Costas Mavrides

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***
Eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura tad-dritt monetarju	
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura tad-dritt monetarju għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawk l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġġustifikati minn objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali, u għandhom ikunu permessi biss dment li jkunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas tad-djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha	

tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Emenda 702
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura tad-dritt monetarju għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawk l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġġustifikati minn objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali, u għandhom ikunu permessi biss dment li jkunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas tad-djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura tad-dritt monetarju għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawk l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġġustifikati minn objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali, u għandhom ikunu permessi biss dment li jkunu disponibbli mezzi ***pubbliċi*** oħra għall-ħlas tad-djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsumaturi, għandu jkun hemm mill-inqas mezz pubbliku wieħed ta' pagament, pereżempju, meta l-euro diġitali ma jiġix offrut bħala metodu ta' pagament, għandhom jiġu offruti l-flus kontanti.

Emenda 703
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura tad-dritt monetarju għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawk l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġġustifikati minn objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali, u għandhom ikunu permessi biss dment li jkunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas tad-djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura tad-dritt monetarju għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawk l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġġustifikati minn objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali, u għandhom ikunu permessi biss dment li jkunu disponibbli mezzi ***pubbliċi*** oħra għall-ħlas tad-djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Emenda 704
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12a
	Utenti tal-euro diġitali
	1. Fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil kwalunkwe wieħed mill-utenti tal-euro diġitali li ġejjin:
	(a) Persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro;
	(b) Persuni fiżiċi u ġuridiċi li fetħu kont ta' pagament bl-euro diġitali fiż-żmien li kienu residenti jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, iżda li ma għadhomx residenti jew

stabbiliti f'dawn l-Istati Membri;

(c) Viżitaturi fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija ż-żona tal-euro;

(d) Persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18;

(e) Persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti f'pajjiżi terzi, inklużi territorji fil-qafas ta' ftehim monetarju mal-Unjoni, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 19 u 20;

(f) Ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jew f'pajjiż terz, u persuni ġuridiċi stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro, fejn dawn iċ-ċittadini jew persuni ġuridiċi jeżerċitaw id-drittijiet tal-moviment liberu tagħhom fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;

2. Għall-finijiet tal-punt (a), ir-residenti għandhom jinkludu kemm ċittadini tal-Unjoni kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li jibbenefikaw mid-drittijiet ta' residenza skont id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt nazzjonali.

3. Maż-żmien, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrestrinġi l-aċċess għall-euro diġitali u l-użu tiegħu għall-utenti tal-euro diġitali msemmijin fil-punti (b) u (c) soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(2). Dawk il-perjodi ta' żmien għandhom jiġu ddeterminati fir-rigward tal-istatus ta' residenza jew ta' żjara tal-utenti tal-euro diġitali.

4. Fil-qafas tad-Direttiva u r-Regolament 2015/2366 [PSD3/PSR], il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipprovdu lin-negozjanti li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jew f'pajjiż terz, servizzi ta' pagament bl-euro diġitali li jippermettulhom jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minn persuni li jappartjenu għall-kategoriji

stabbiliti fil-paragrafu 1, anke jekk il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 18, 19 u 20 ma jkunux ġew imħarsa, soġġett għal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dak l-Istat Membru jew pajjiż terz. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx jippermettu lil dawn in-negozjanti jżommu l-euro diġitali sakemm ma jkunux ġew issodisfati l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 18, 19 u 20.

Or. en

Emenda 705
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12a
	Utenti tal-euro diġitali
	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil:
	(a) Persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro;
	(b) Persuni fiżiċi u ġuridiċi li fetħu kont ta' pagament bl-euro diġitali fiż-żmien li kienu residenti jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, iżda li ma għadhomx residenti jew stabbiliti f'dawn l-Istati Membri;
	(c) Viżitaturi fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro;
	(d) Persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18;
	(e) Persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti f'pajjiżi terzi, inklużi territorji fil-qafas ta' ftehim monetarju

mal-Unjoni, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 19 u 20;

(f) Ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jew f'pajjiż terz, u persuni ġuridiċi stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro, fejn dawn iċ-ċittadini jew persuni ġuridiċi jeżerċitaw id-drittijiet tal-moviment liberu tagħhom fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;

2. Għall-finijiet tal-punt (a), ir-residenti għandhom jinkludu kemm ċittadini tal-Unjoni kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li jibbenefikaw mid-drittijiet ta' residenza skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali.

3. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrestrinġi l-aċċess għall-euro diġitali għall-utenti tal-euro diġitali msemmijin fil-punti (b) u (c) soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(2).

4. Fil-qafas tad-Direttiva u r-Regolament XXX [PSD3/PSR], il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipprovdu lin-negozjanti li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jew f'pajjiż terz, servizzi ta' pagament bl-euro diġitali li jippermettulhom jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minn persuni li jappartjenu għall-kategoriji stabbiliti fil-paragrafu 1, anke jekk il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 18, 19 u 20 ma jkunux ġew imħarsa, soġġett għal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dak l-Istat Membru jew pajjiż terz. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx jippermettu lil dawn in-negozjanti jżommu l-euro diġitali sakemm ma jkunux ġew issodisfati l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 18, 19 u 20.

Or. en

Emenda 706
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu jkun konvertibbli f'karti tal-flus u f'muniti tal-euro b'parità.	1. L-euro diġitali għandu jkun konvertibbli f'karti tal-flus u f'muniti tal-euro b'parità. ***Il-konverżjoni bejn il-flus kontanti u l-euro diġitali għandha tkun possibbli f'kull ħin, b'mod istantanju u mingħajr tariffi. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu servizzi ta' konverżjoni bejn l-euro diġitali u l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiżgura l-ekwivalenza prattika tal-flus kontanti u tal-euro diġitali billi tiggarantixxi konvertibbiltà libera, immedjata u mingħajr kundizzjoni, u b'hekk tipprevjeni frizzjonijiet, dewmien jew tariffi moħbija.

Emenda 707
Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fornituri ta' servizzi ta' pagament	Fornituri ta' servizzi ta' pagament ***li jqassmu l-euro diġitali***

Or. en

Emenda 708
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fornituri ta’ servizzi ta’ pagament	Fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ***li jqassmu l-euro diġitali***

Or. en

Emenda 709
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-qafas tad-Direttiva 2015/2366, il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jistgħu jipprovdu s-servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali stabbiliti fl-Anness I lil:	Fil-qafas tad-Direttiva ***(UE)***2015/2366, il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jistgħu jipprovdu s-servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali stabbiliti fl-Anness I ***ta’ dan ir-Regolament għall-euro diġitali offline u fl-Anness Ia ta’ dan ir-Regolament għall-euro diġitali online*** lil:

Or. en

Emenda 710
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-qafas tad-Direttiva ***2015/2366***, il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jistgħu jipprovdu s-servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali ***stabbiliti fl-Anness I lil*****:**	Fil-qafas tad-Direttiva ***u r-Regolament [PSD3/PSR], u mingħajr preġudizzjoni għall-Artikolu 14(1), 14(1a) u14(2)***, il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jistgħu jipprovdu s-servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali**.**

Or. en

Emenda 711
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-qafas tad-Direttiva 2015/2366, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipprovdu ***s-servizzi*** ta' pagament bl-euro diġitali stabbiliti fl-Anness ***I*** lil:	Fil-qafas tad-Direttiva 2015/2366, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipprovdu ***fuq it-talba tagħhom is-servizzi*** ta' pagament bl-euro diġitali stabbiliti fl-Anness ***II*** lil:

Or. en

Emenda 712
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-qafas tad-Direttiva 2015/2366, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipprovdu s-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali stabbiliti fl-Anness I lil:	Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament ***tal-UE biss*** jistgħu jipprovdu s-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali stabbiliti fl-Anness I lil:

Or. en

Emenda 713
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-qafas tad-Direttiva 2015/2366, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipprovdu s-servizzi ***ta' pagament bl-euro*** diġitali stabbiliti fl-Anness I lil:	Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament ***issorveljati fl-UE biss*** jistgħu jipprovdu s-servizzi ***tal-euro*** diġitali stabbiliti fl-Anness I lil:

Or. en

Emenda 714
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro;	***imħassar***

Or. en

Emenda 715
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) persuni fiżiċi u ġuridiċi li fetħu kont bl-euro diġitali fiż-żmien li kienu residenti jew stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, iżda li ma għadhomx residenti jew stabbiliti f'dawn l-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 716
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) viżitaturi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 717
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18;	***imħassar***

Or. en

Emenda 718
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew li huma stabbiliti f'pajjiżi terzi, inklużi territorji fil-qafas ta' ftehim monetarju mal-Unjoni, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 19 u 20.	***imħassar***

Or. en

Emenda 719
Hanna Gronkiewicz-Waltz, Siegfried Mureşan, Arba Kokalari, Janusz Lewandowski

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jew f'pajjiż terz, u persuni ġuridiċi

stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro, fejn dawn iċ-ċittadini jew persuni ġuridiċi jeżerċitaw id-drittijiet tal-moviment liberu tagħhom fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tiżgura l-aċċess għas-servizzi tal-euro diġitali anke għaċ-ċittadini li jirrisjedu f'pajjiż barra miż-żona tal-euro u li jeżerċitaw id-drittijiet tal-moviment liberu tagħhom fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro. Huwa importanti li jiġi żgurat li tali gruppi bħal ħaddiema, persuni jaħdmu għal rashom jew studenti jew gruppi li jipprovdu servizzi f'tali Stati Membri jkollhom aċċess ugwali għas-servizzi tal-euro diġitali.

Emenda 720
Enikő Győri, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jew f'pajjiż terz, u persuni ġuridiċi stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro, fejn dawn iċ-ċittadini jew persuni ġuridiċi jeżerċitaw id-drittijiet tal-moviment liberu tagħhom fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro.

Or. en

Emenda 721
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jagħżlu li joffru servizzi ta' pagament bażiċi bl-euro diġitali lil persuni fiżiċi, jew li jagħmlu dan fuq it-talba tal-klijenti tagħhom skont l-Artikolu 14(1), għandhom jagħmlu s-sett sħiħ ta' servizzi ta' pagament obbligatorji bl-euro diġitali disponibbli kif speċifikat fl-Anness II. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jagħżlu li joffru servizzi bażiċi ta' akkwist lil persuni ġuridiċi, jew li jagħmlu dan fuq it-talba tal-klijenti tagħhom skont l-Artikolu 14(1a), għandhom jagħmlu s-sett sħiħ ta' servizzi obbligatorji ta' akkwist disponibbli kif speċifikat fl-Anness IIa.

Or. en

Emenda 722
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiddeċiedu li jipprovdu servizzi ta' pagament bażiċi bl-euro diġitali lil persuni fiżiċi jew li jagħmlu dan fuq it-talba tal-klijenti tagħhom skont l-Artikolu 14(1) għandhom jipprovdu l-lista sħiħa tas-servizzi ta' pagament obbligatorji bl-euro diġitali kif stabbilit fl-Anness II. ***Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiddeċiedu li jipprovdu servizzi bażiċi ta' akkwist lil persuni ġuridiċi jew li jagħmlu dan fuq it-talba tal-klijenti tagħhom skont l-Artikolu 14(1) għandhom jipprovdu l-lista sħiħa tas-servizzi obbligatorji ta' akkwist kif stabbilit fl-Anness IIa.***

Or. en

Emenda 723
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiddeċiedu li jipprovdu servizzi ta' pagament bażiċi bl-euro diġitali lil persuni fiżiċi jew li jagħmlu dan fuq it-talba tal-klijenti tagħhom skont l-Artikolu 14(1) għandhom jipprovdu l-lista sħiħa tas-servizzi ta' pagament obbligatorji bl-euro diġitali kif stabbilit fl-Anness II.

Or. en

Emenda 724
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament awtorizzati li jipprovdu servizzi ta' pagament f'konformità mad-Direttiva 2015/2366 jistgħu jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali fuq il-bażi tal-ekwivalenzi bejn is-servizzi ta' pagament u s-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali determinati fl-Anness Va u l-Anness Vb.

Or. en

Emenda 725
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiddeċiedu li jipprovdu servizzi bażiċi ta' akkwist lil persuni ġuridiċi jew li jagħmlu dan fuq it-talba tal-klijenti tagħhom skont l-Artikolu 14(1) għandhom jipprovdu l-lista sħiħa tas-servizzi obbligatorji ta' akkwist kif stabbilit fl-Anness IIa.

Or. en

Emenda 726
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor, Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għal dan il-għan, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jixtiequ jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali ekwivalenti ma għandhomx ikunu meħtieġa jiksbu kwalunwke awtorizzazzjoni addizzjonali skont id-Direttiva u r-Regolament [PSD3/PSR].

Or. en

Emenda 727
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiddeċiedu li jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil konsumaturi jew li jagħmlu dan fuq it-talba tal-klijenti tagħhom skont l-Artikolu 14(1) għandhom jipprovdu s-servizzi ta'

	pagament obbligatorji bl-euro diġitali kollha kif stabbilit fl-Anness II.

Or. en

Emenda 728
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiddeċiedu li jipprovdu servizzi ta' akkwist bl-euro diġitali lin-negozjanti jew li jagħmlu dan fuq it-talba tal-klijenti tagħhom skont l-Artikolu 14(1a) għandhom jipprovdu s-servizzi ta' akkwist obbligatorji bl-euro diġitali kollha kif stabbilit fl-Anness IIa.

Or. en

Emenda 729
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Maż-żmien, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrestrinġi l-aċċess għall-euro diġitali u l-użu tiegħu għall-utenti tal-euro diġitali msemmijin fil-punti (b) u (c) soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(2). Dawk il-perjodi ta' żmien għandhom jiġu ddeterminati fir-rigward tal-istatus ta' residenza jew ta' żjara tal-utenti tal-euro diġitali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 730
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Maż-żmien, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrestrinġi l-aċċess għall-euro diġitali u l-użu tiegħu għall-utenti tal-euro diġitali msemmijin fil-punti (b) u (c) soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(2). Dawk il-perjodi ta' żmien għandhom jiġu ddeterminati fir-rigward tal-istatus ta' residenza jew ta' żjara tal-utenti tal-euro diġitali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 731
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Maż-żmien, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrestrinġi l-aċċess għall-euro diġitali u l-użu tiegħu għall-utenti tal-euro diġitali msemmijin fil-punti (b) u (c) soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16***(2)***. ***Dawk il-perjodi ta' żmien għandhom jiġu ddeterminati fir-rigward tal-istatus ta' residenza jew ta' żjara tal-utenti tal-euro diġitali.***	Maż-żmien, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrestrinġi l-aċċess għall-euro diġitali ***online*** u l-użu tiegħu għall-utenti tal-euro diġitali msemmijin fil-punti (b) u (c) soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16.

Or. en

Emenda 732
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (a), ir-residenti għandhom jinkludu kemm ċittadini tal-Unjoni kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li jibbenefikaw mid-drittijiet ta' residenza skont id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 733
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-aċċess għall-finanzjament u d-definanzjament awtomatiċi tal-euro diġitali online u l-użu tagħhom għandhom jiġu ristretti fil-każijiet imsemmijin fil-punt (c).

Or. en

Emenda 734
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-aċċess għall-finanzjament u d-definanzjament awtomatiċi tal-euro diġitali online u l-użu tagħhom għandhom jiġu ristretti fil-każijiet imsemmijin fil-punt (c).

Or. en

Emenda 735
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-euro diġitali bl-imnut għandu jitqassam permezz ta' intermedjarji sorveljati li jipparteċipaw fl-infrastruttura għas-saldu tal-Eurosistema. It-tqassim tal-euro diġitali offline għandu:
	a) iseħħ biss f'ambjenti pilota kkontrollati;
	b) jiżgura li ma tintbagħat l-ebda data ta' tranżazzjonijiet personali lill-BĊE jew lill-intermedjarji;
	c) jiżgura li l-apparati li jaħżnu t-tokens offline jiġbru biss id-data minima meħtieġa għall-prevenzjoni tal-infiq doppju.

Or. en

Emenda 736
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament ma għandhom jippermettu l-ebda mekkaniżmu awtomizzat li jittrasferixxi fondi minn kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali lill-kont tal-euro diġitali tal-utent bil-għan li titlesta tranżazzjoni ta' pagament. B'mod partikolari, l-hekk imsejħa "funzjonalità f'kaskata inversa" hija pprojbita. Il-finanzjament kollu ta' kontijiet tal-euro diġitali għandu jirrikjedi awtorizzazzjoni

espliċita u separata mill-utent, indipendenti mill-istruzzjoni tal-pagament.

Or. en

Emenda 737
Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-forniturі ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu ***servizzi*** ta' ħlas ***ta' servizzjar*** skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 ***għandhom*** jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament ***minn*** jew ***lejn kontijiet*** ta' pagament mhux bl-euro diġitali***, jew karti tal-flus u muniti tal-euro meta*** fornitur ***ta' servizzi*** ta' pagament ***jipprovdi*** servizzi ***ta' flus kontanti, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament***.	2. Il-forniturі ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu ***kontijiet*** ta' ħlas ***bl-euro mhux diġitali*** skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 ***jistgħu*** jippermettu ***biss*** lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament ***lejn*** jew ***minn kont*** ta' pagament mhux bl-euro diġitali ***miżmum ma'*** fornitur ***ta' servizz*** ta' pagament ***ieħor jekk iż-żewġ forniturі ta' servizzi ta' pagament ikunu qablu b'mod kuntrattwali dwar il-modalitajiet biex jiġi pprovdut tali servizz. Tali finanzjament u definanzjament għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas lill-konsumaturi, ħlief meta jkunu jinvolvu kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali denominat f'munita oħra għajr l-euro. Dan il-paragrafu ma għandux japplika fir-rigward tal-forniment ta' servizzi obbligatorji ta' akkwist minn forniturі ta'*** servizzi ***ta' pagament għan-negozjanti***.

Or. en

Emenda 738
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor, Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-forniturи ta' servizzi ta' ħlas ***li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366*** għandhom ***jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet*** ta' pagament bl-euro diġitali ***tagħhom manwalment jew awtomatikament minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti tal-flus u muniti tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament***.	2. Il-forniturи ta' servizzi ta' ħlas għandhom ***jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, mingħajr ħlas, informazzjoni aċċessibbli dwar il-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi*** ta' pagament bl-euro diġitali ***u l-kundizzjonijiet tad-distribuzzjoni tagħhom***.

Or. en

Emenda 739
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-forniturи ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti tal-flus u muniti tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.	2. Il-forniturи ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali ***li diġà jkunu f'relazzjoni kuntrattwali mal-fornitur ta' servizzi ta' pagament*** jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali ***miżmumin mill-istess fornitur***, jew karti tal-flus u muniti tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 740
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu ***lill-utenti tal-euro diġitali*** jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti tal-flus u muniti tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti***, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament***.	2. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu ***lill-klijenti tagħhom*** jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti tal-flus u muniti tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti.

Or. en

Emenda 741
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti	2. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti

tal-flus u muniti tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti***, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament***.	tal-flus u muniti tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti.

Or. en

Emenda 742
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-forniturі ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment ***jew awtomatikament*** minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti tal-flus u muniti tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni ***li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu*** 16 ta' dan ir-Regolament.	2. Il-forniturі ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali ***online*** jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** tagħhom manwalment***, kemm jekk miżmumin mill-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament kif ukoll minn fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor,*** minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali***, jew apparat tal-euro diġitali offline***, jew karti tal-flus u muniti tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni ***stabbilita fl-Artikolu*** 16 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 743
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti tal-flus ***u muniti*** tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni ***li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta*** f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.	2. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti tal-flus tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 744
Christophe Gomart

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti tal-flus ***u muniti*** tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.	2. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment jew awtomatikament minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti tal-flus tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

Or. fr

Emenda 745
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali online jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw awtomatikament il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali online tagħhom miżmumin mill-istess fornitur ta' servizzi ta' ħlas, minn jew lejn kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali, soġġett għal kwalunwke limitazzjoni stabbilita fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 746
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas għandhom jagħmlu disponibbli funzjonalitajiet ta' finanzjament u definanzjament manwali lil persuni fiżiċi li jużaw l-euro diġitali offline mill-flus kontanti, kont tal-euro diġitali online, jew kwalunkwe kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali deżinjat mill-utent tal-euro diġitali offline soġġett għal kwalunwke limitazzjoni stabbilita fl-Artikoli 16 u 37.

Or. en

Emenda 747
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu lill-klijenti negozjanti tagħhom jiddefinanzjaw awtomatikament l-apparati tal-euro diġitali offline tagħhom għal kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali deżinati min-negozjant.

Or. en

Emenda 748
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu disponibbli l-funzjonalitajiet ta' finanzjament u ta' definanzjament għall-utenti tal-euro diġitali:	***imħassar***
(a) fi kwalunkwe ħin, fuq bażi kontinwa, meta l-finanzjament u d-definanzjament iseħħ permezz ta' kontijiet ta' pagament tal-euro mhux diġitali;	
(b) meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti meta l-finanzjament u d-definanzjament isiru permezz ta' karti tal-flus u muniti tal-euro.	

Or. en

Emenda 749
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu disponibbli l-funzjonalitajiet ta' finanzjament u ta' definanzjament ***għall-utenti*** tal-euro diġitali:	3. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu disponibbli l-funzjonalitajiet ta' finanzjament u ta' definanzjament ***għall-klijenti tagħhom li huma wkoll utenti*** tal-euro diġitali:

Or. en

Emenda 750
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fi kwalunkwe ħin***, fuq bażi kontinwa,*** meta l-finanzjament u d-definanzjament iseħħ permezz ta' kontijiet ta' pagament tal-euro mhux diġitali;	(a) fi kwalunkwe ħin meta l-finanzjament u d-definanzjament iseħħ permezz ta' kontijiet ta' pagament tal-euro mhux diġitali***, permezz ta' apparati tal-euro diġitali offline jew kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali online***;

Or. en

Emenda 751
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) meta fornitur ta’ servizzi ta’ pagament jipprovdi servizzi ta’ flus kontanti meta l-finanzjament u d-definanzjament isiru permezz ta’ karti tal-flus u muniti tal-euro.	(b) meta ***u fejn*** fornitur ta’ servizzi ta’ pagament jipprovdi servizzi ta’ flus kontanti meta l-finanzjament u d-definanzjament isiru permezz ta’ karti tal-flus u muniti tal-euro. ***Meta u fejn jipprovdi servizzi ta’ flus kontanti jibqa’ fid-diskrezzjoni tal-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra li għandha impatt fuq tali deċiżjonijiet.***

Or. en

Emenda 752
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta fornitur ta’ servizzi ta’ pagament jipprovdi servizzi ta’ flus kontanti meta l-finanzjament u d-definanzjament isiru permezz ta’ karti tal-flus ***u muniti*** tal-euro.	(b) meta fornitur ta’ servizzi ta’ pagament jipprovdi servizzi ta’ flus kontanti meta l-finanzjament u d-definanzjament isiru permezz ta’ karti tal-flus tal-euro***. Meta servizz ta’ flus kontanti jiġi pprovdut permezz ta’ kaxxiera awtomatika (ATM), ir-rekwiżit għal finanzjament u definanzjament għandu jkun limitat għall-karti tal-flus tal-euro***.

Or. en

Emenda 753
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta fornitur ta’ servizzi ta’ pagament jipprovdi servizzi ta’ flus kontanti meta l-finanzjament u d-	(b) meta fornitur ta’ servizzi ta’ pagament jipprovdi servizzi ta’ flus kontanti meta l-finanzjament u d-

definanzjament isiru permezz ta’ karti tal-flus ***u muniti*** tal-euro.	definanzjament isiru permezz ta’ karti tal-flus tal-euro.

Or. en

Emenda 754
Christophe Gomart

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta fornitur ta’ servizzi ta’ pagament jipprovdi servizzi ta’ flus kontanti meta l-finanzjament u d-definanzjament isiru permezz ta’ karti tal-flus ***u muniti*** tal-euro.	(b) meta fornitur ta’ servizzi ta’ pagament jipprovdi servizzi ta’ flus kontanti meta l-finanzjament u d-definanzjament isiru permezz ta’ karti tal-flus tal-euro.

Or. fr

Emenda 755
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Meta servizz ta’ flus kontanti jiġi pprovdut permezz ta’ kaxxiera awtomatika (ATM), ir-rekwiżit għal finanzjament u definanzjament għandu jkun limitat għall-karti tal-flus tal-euro.

Or. en

Emenda 756
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) meta għandhom jiġu pprovduti flus kontanti permezz ta' ATM, ir-rekwiżit għal finanzjament u definanzjament għandu jkun limitat għall-karti tal-flus tal-euro.

Or. en

Emenda 757
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali:	***imħassar***
(a) li jkollhom il-euros diġitali li jisbqu kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 awtomatikament definanzjati għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali, fejn tiġi riċevuta tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali;	
(b) li jagħmlu tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali meta l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tagħhom.	
Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta'	

pagament bl-euro diġitali partikolari.

Or. en

Emenda 758
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali:	***imħassar***
(a) li jkollhom il-euros diġitali li jisbqu kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 awtomatikament definanzjati għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali, fejn tiġi riċevuta tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali;	
(b) li jagħmlu tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali meta l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tagħhom.	

Or. en

Emenda 759
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' ***pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366*** għandhom jippermettu	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' ***finanzjament u definanzjament skont il-paragrafu 1 u l-paragrafu 2*** għandhom jippermettu lill-

lill-utenti tal-euro diġitali:	utenti tal-euro diġitali:

Or. en

Emenda 760
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali:	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġital ***online***:

Or. en

Emenda 761
Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' ***pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366*** għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali:	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' ***finanzjament u definanzjament skont il-paragrafu 1 u l-paragrafu 2*** għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali:

Or. en

Emenda 762
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li jkollhom ***il-euros*** diġitali li jisbqu ***kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16*** awtomatikament definanzjati għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali, fejn tiġi riċevuta tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali;	(a) li jkollhom ***l-euros*** diġitali li jisbqu ***l-limitu ta' żamma ta' EUR 500*** awtomatikament definanzjati għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali, fejn tiġi riċevuta tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali;

Or. en

Emenda 763
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li jkollhom ***il-euros*** diġitali li jisbqu kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 awtomatikament definanzjati għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali, fejn tiġi riċevuta tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali;	(a) li jkollhom ***l-euros*** diġitali li jisbqu kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 awtomatikament definanzjati għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali, ***miżmumin mill-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament,*** fejn tiġi riċevuta tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali;

Or. en

Emenda 764
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li jkollhom ***il-euros*** diġitali li jisbqu kwalunkwe limitazzjoni ***li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta*** f'konformità mal-	(a) li jkollhom ***l-euros*** diġitali ***online*** li jisbqu kwalunkwe limitazzjoni ***adottata*** f'konformità mal-Artikolu 16

Artikolu 16 awtomatikament definanzjati għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali, fejn tiġi riċevuta tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali;	awtomatikament definanzjati għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali, fejn tiġi riċevuta tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali;

Or. en

Emenda 765
Hanna Gronkiewicz-Waltz, Siegfried Mureşan, Arba Kokalari, Janusz Lewandowski

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Fil-qafas tad-Direttiva 2015/2366, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipprovdu lin-negozjanti li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jew f'pajjiż terz, servizzi ta' pagament bl-euro diġitali li jippermettulhom jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minn persuni li jappartjenu għall-kategoriji stabbiliti fil-paragrafu 1, anke jekk il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 18 sa 20 ma jkunux ġew issodisfati, soġġett għal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dak l-Istat Membru jew pajjiż terz. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx jippermettu lil dawn in-negozjanti jżommu l-euro diġitali sakemm ma jkunux ġew issodisfati l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 18 sa 20.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tippermetti lin-negozjanti stabbiliti barra miż-żona tal-euro jirċievu pagamenti diġitali bl-euro magħmula minn euro diġitali, irrispettivament mill-fatt jekk jiġux issodisfati:(i) il-kundizzjoni li jiġi ffirmat l-arranġament bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-bank ċentrali nazzjonali rilevanti regolat skont l-Artikolu 18 tar-Regolament;(ii) il-kundizzjoni li jiġi ffirmat il-ftehim bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz regolat skont l-Artikolu 19 tar-Regolament;(iii) il-kundizzjoni li jiġu emendati l-ftehimiet monetarji rispettivi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew territorji skont ftehim monetarju regolat skont l-Artikolu 20 tar-

Regolament. Huwa ċċarat ukoll li dawn in-negozjanti jkollhom limitu fuq l-ammonti miżmumin, sabiex ma jikkawżawx l-effetti negattivi fuq il-karti bilanċjali tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali, fuq is-sovranità monetarja u l-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, kif ukoll fuq l-issodisfar tal-kriterji ta' adeżjoni taż-żona tal-euro u l-proċess stabbilit fl-Artikolu 140 tat-TFUE għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro. Huwa importanti li jiġi żgurat li n-negozjanti barra miż-żona tal-euro jkunu jistgħu jaċċettaw pagamenti f'euro diġitali jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan, kif isir bħalissa b'euro f'forma fiżika u bi flus ta' bank kummerċjali.

Emenda 766
Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) li ***jagħmlu*** tranżazzjoni ta' pagament ***online*** bl-euro diġitali ***meta l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż*** l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin ***tagħhom***.	(b) li ***jibdew*** tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***għalkemm*** l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin ***tal-pagatur ikunu inqas mill-ammont tat-tranżazzjoni, billi jinġibdu awtomatikament fondi minn kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali konness, jekk ikunu disponibbli fondi suffiċjenti fil-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali tal-pagatur***.

Or. en

Emenda 767
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) li ***jagħmlu*** tranżazzjoni ta' pagament ***online*** bl-euro diġitali ***meta l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż*** l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin ***tagħhom***.	(b) li ***jibdew*** tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***għalkemm*** l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin ***tal-pagatur ikunu inqas mill-ammont tat-tranżazzjoni, billi jinġibdu awtomatikament fondi minn kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali assoċjat, jekk ikunu disponibbli fondi***

	suffiċjenti fil-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali tal-pagatur.

Or. en

Emenda 768
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) li jagħmlu tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali meta l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tagħhom.	(b) li jagħmlu tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali meta l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tagħhom***, minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum mal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament***.

Or. en

Emenda 769
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.	***imħassar***

Or. en

Emenda 770
Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament ***uniku*** tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. ***L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.***	Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament ***wieħed jew aktar*** tal-euro mhux diġitali ***miżmum/miżmumin mal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament jew ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor, denominat f'euro,*** dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 771
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku ***tal-euro mhux diġitali*** dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. ***L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament***	Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku ***dežinjat f'euro, miżmum mal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament u*** dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali.

differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.

Or. en

Emenda 772
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. ***L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.***	Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 773
Christophe Gomart

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ittri (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali***. L-utenti tal-euro diġitali għandhom***	Għall-finijiet tal-ittri (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali***, miżmum mill-istess*** fornitur ta' servizzi ta'

jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament ***differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari***.	pagament.

Or. fr

Emenda 774
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.	Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari ***online għall-finijiet tal-finanzjament u d-definanzjament manwali, bl-eċċezzjoni tad-definanzjament awtomatiku għall-persuni ġuridiċi. Għal finijiet oħra minbarra l-punt (a) u (b), il-finanzjament u d-definanzjament awtomatiċi għandhom jinżammu mill-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament.***

Or. en

Emenda 775
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament ***uniku*** tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.	Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament ***wieħed jew aktar*** tal-euro mhux diġitali ***miżmum mal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament jew ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament, demonimat f'euro u*** dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.

Or. en

Emenda 776
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. ***L-utenti*** tal-euro diġitali ***għandhom jitħallew ikollhom*** dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.	Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. ***Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu joffru lill-utenti*** tal-euro diġitali dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jħalli lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jiddefinixxu r-relazzjonijiet tagħhom abbażi ta' ftehimiet kuntrattwali. Li l-finanzjament miftuħ isir obbligatorju jmur lil hinn mill-objettiv ta' dan ir-Regolament u jinterferixxi ma' relazzjonijiet kuntrattwali eżistenti bejn fornituri ta' servizzi ta' pagament, filwaqt li joħloq ir-riskju tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-effett fuq is-suq u l-kompetizzjoni għandu jiġi vvalutat wara żmien suffiċjenti ta' introduzzjoni tal-euro diġitali, bil-possibbiltà li jiġu rieżaminati dispożizzjonijiet ta' finanzjament miftuħ jekk ikun meħtieġ. Mekkaniżmi ta' kaskata inversa u kaskata huma dejjem possibbli permezz tal-opzjoni pubblika pprovduta mill-entitajiet maħtura.

Emenda 777
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left
Gaetano Pedulla', Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jipprovdu, fuq talba u mingħajr ħlas, apparat fiżiku tat-tip portatur, bħal kard jew mezz tal-hardware sigur ekwivalenti, kapaċi li jżomm u juża l-euro diġitali, għall-pagamenti offline kif ukoll online. L-aċċess għall-apparat fiżiku tat-tip portatur ma għandux jirrikjedi li l-utent iżomm kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali, f'konformità mal-Artikolu 14(3) ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jaħtru lill-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1, il-punti (a), (b), (c), (d) u (f) tad-Direttiva 2015/2366 biex jaġixxu bħala distributuri tal-apparat fiżiku tat-tip portatur. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jistabbilixxi l-istandards tal-interoperabbiltà, tas-sigurtà u dawk tekniċi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-apparati fiżiċi tat-tip portatur ikunu jistgħu jintużaw għal pagamenti tal-euro diġitali online u offline.

Or. en

Emenda 778
Tomáš Kubín, Enikő Győri, Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fil-qafas tad-Direttiva 2015/2366, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipprovdu lin-negozjanti li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jew f'pajjiż terz, servizzi ta' pagament bl-euro diġitali li jippermettulhom jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minn persuni li jappartjenu għall-kategoriji stabbiliti fil-paragrafu 1, anke jekk il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 18, 19 u 20 ma jkunux ġew issodisfati, soġġett għal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dak l-Istat Membru jew pajjiż terz. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx jippermettu lil dawn in-negozjanti jżommu l-euro diġitali sakemm ma jkunux ġew issodisfati l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 18, 19 u 20.

Or. en

Emenda 779
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Bil-għan li jiġu pprovduti servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil persuni ġuridiċi taħt l-obbligu li jaċċettaw l-euro

	diġitali skont il-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu, fuq talba, il-possibbiltà li jinbdew tranżazzjonijiet ta' rifużjoni u l-possibbiltà li d-definanzjament awtomatiku jiġi differit kif imsemmi fl-Artikolu 13(4)(a) biex ikun jista' jsir id-definanzjament f'lottijiet tal-euro diġitali għall-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali tagħhom għal tul ta' żmien massimu ta' 24 siegħa.

Or. en

Emenda 780
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-euro diġitali distribwit mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandha tkun konvertibbli b'parità għall-flus skritturali u l-flus elettroniċi denominati f'euro.	***imħassar***

Or. en

Emenda 781
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għall-finijiet tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, l-utenti tal-euro diġitali għandhom jidħlu biss f'relazzjoni kuntrattwali mal-PSPs. L-utenti tal-euro diġitali ma għandu jkollhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-Bank Ċentrali Ewropew jew mal-banek ċentrali	***imħassar***

nazzjonali.

Or. en

Emenda 782
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għall-finijiet tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, l-utenti tal-euro diġitali għandhom jidħlu biss f'relazzjoni kuntrattwali mal-PSPs. L-utenti tal-euro diġitali ma għandu jkollhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-Bank Ċentrali Ewropew jew mal-banek ċentrali nazzjonali.	6. Għall-finijiet tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, l-utenti tal-euro diġitali għandhom jidħlu biss f'relazzjoni kuntrattwali mal-PSPs. L-utenti tal-euro diġitali ma għandu jkollhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-Bank Ċentrali Ewropew jew mal-banek ċentrali nazzjonali. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-bank ċentrali nazzjonali jinħatar bħala wieħed mill-entitajiet maħtura ta' Stat Membru li tqassam l-euro diġitali f'konformità mal-Artikolu 14b.***

Or. en

Emenda 783
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għall-finijiet tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, l-utenti tal-euro diġitali għandhom jidħlu biss f'relazzjoni kuntrattwali mal-PSPs. L-utenti tal-euro diġitali ma għandu jkollhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-Bank Ċentrali Ewropew jew mal-banek ċentrali nazzjonali.	6. Għall-finijiet tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, l-utenti tal-euro diġitali għandhom jidħlu biss f'relazzjoni kuntrattwali mal-PSPs. L-utenti tal-euro diġitali ma għandu jkollhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-Bank Ċentrali Ewropew jew mal-banek ċentrali nazzjonali. ***Din id-dispożizzjoni għandha***

tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali relatata mal-kwistjonijiet taħt il-kontroll dirett tagħhom fir-rigward tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 784
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għall-finijiet tas-servizzi ***ta' pagament*** bl-euro diġitali, l-utenti tal-euro diġitali għandhom jidħlu biss f'relazzjoni kuntrattwali mal-PSPs. L-utenti tal-euro diġitali ma għandu jkollhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-Bank Ċentrali Ewropew jew mal-banek ċentrali nazzjonali.	6. Għall-finijiet tas-servizzi bl-euro diġitali, l-utenti tal-euro diġitali għandhom jidħlu biss f'relazzjoni kuntrattwali mal-PSPs***, fuq il-bażi ta' sett minimu u komuni ta' dispożizzjonijiet obbligatorji definiti mill-Bank Ċentrali Ewropew***. L-utenti tal-euro diġitali ma għandu jkollhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-Bank Ċentrali Ewropew jew mal-banek ċentrali nazzjonali.

Or. en

Emenda 785
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Persuni fiżiċi ma għandux ikollhom aktar minn apparat tal-euro diġitali offline wieħed.

Or. en

Emenda 786
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-utenti tal-euro diġitali jista' jkollhom kont ta' pagament wieħed jew aktar bl-euro diġitali mal-istess fornituri ta' servizzi ta' pagament jew ma' fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 787
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-utenti tal-euro diġitali jista' jkollhom kont ta' pagament wieħed ***jew aktar*** bl-euro diġitali mal-istess ***fornituri*** ta' servizzi ta' pagament ***jew ma' fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament***.	7 L-utenti tal-euro diġitali jista' jkollhom kont ta' pagament wieħed ***biss*** bl-euro diġitali***.***
	Għall-ewwel 5 snin, bil-għan li tiġi żgurata l-integrità tat-tqassim tal-euro diġitali, il-kont ta' pagament bl-euro diġitali ta' utent li diġà għandu kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali għandu jkun assoċjat b'mod kuntrattwali mal-istess ***fornitur*** ta' servizzi ta' pagament. ***Din l-assoċjazzjoni għandha tiżgura li l-operazzjonijiet ta' finanzjament u definanzjament, kif ukoll it-tranżazzjonijiet ta' pagament li jaqbżu l-limiti ta' żamma tal-euro diġitali, jiġu eżegwiti permezz tal-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali eżistenti tal-utent.***

Or. en

Emenda 788
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-utenti tal-euro diġitali jista' jkollhom kont ta' pagament wieħed ***jew aktar*** bl-euro diġitali mal-istess ***forniturі*** ta' servizzi ta' pagament ***jew ma' forniturі differenti ta' servizzi ta' pagament***.	7. L-utenti tal-euro diġitali jista' jkollhom kont ta' pagament wieħed bl-euro diġitali mal-istess ***fornitur*** ta' servizzi ta' pagament.

Or. en

Emenda 789
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-utenti tal-euro diġitali jista' jkollhom kont ta' pagament wieħed jew aktar bl-euro diġitali mal-istess forniturі ta' servizzi ta' pagament jew ma' forniturі differenti ta' servizzi ta' pagament.	7. L-utenti tal-euro diġitali jista' jkollhom kont ta' pagament wieħed jew aktar bl-euro diġitali ***online,*** mal-istess forniturі ta' servizzi ta' pagament jew ma' forniturі differenti ta' servizzi ta' pagament.

Or. en

Emenda 790
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	Meta jiftaħ kont ta' pagament tal-euro diġitali ġdid, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jaċċerta jekk l-utent għandux diġà, jew għandux b'mod konġut, kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali oħra kif imsemmi fl-Artikolu 16(7), u għandu jistabbilixxi l-limitu ta' żamma b'tali mod li l-ammonti miżmumin totali tal-utent ma jaqbżux il-limitu massimu ta' żamma stabbilit skont l-Artikolu 16(6) u (7).

Or. en

Emenda 791
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, mingħajr ħlas, informazzjoni aċċessibbli dwar il-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali u l-kundizzjonijiet tad-distribuzzjoni tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Emenda 792
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu disponibbli ***għall-pubbliku***, mingħajr ħlas, informazzjoni	8. ***Mid-data tal-ħruġ tal-euro diġitali,*** il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu disponibbli ***għall-***

aċċessibbli dwar il-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali u l-kundizzjonijiet tad-distribuzzjoni tagħhom.

klijenti tagħhom, mingħajr ħlas, informazzjoni aċċessibbli dwar il-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali u l-kundizzjonijiet tad-distribuzzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 793
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu disponibbli ***għall-pubbliku***, mingħajr ħlas, informazzjoni aċċessibbli dwar il-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali u l-kundizzjonijiet tad-distribuzzjoni tagħhom.	8. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu disponibbli ***għall-klijenti tagħhom***, mingħajr ħlas, informazzjoni aċċessibbli dwar il-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali u l-kundizzjonijiet tad-distribuzzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 794
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jimplimentaw sistemi kosteffiċjenti u proċessi għas-servizzi ta' pagament bażiċi bl-euro diġitali. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' joħroġ standards tekniċi u linji gwida operazzjonali biex jippromwovi l-effiċjenza, l-interoperabbiltà, u l-minimizzazzjoni tal-kost fil-forniment tas-servizz bl-euro

diġitali. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jikkooperaw mal-Bank Ċentrali Ewropew fi:

(a) il-kondiviżjoni ta' data anonimizzata dwar il-kost u operazzjonali biex jiġu stabbiliti parametri referenzjarji tal-effiċjenza;

(b) l-adozzjoni ta' standards u interfaċċi komuni li jnaqqsu l-integrazzjoni u l-kostijiet operazzjonali;

(c) l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki għat-twassil kosteffettiv tas-servizz;

(d) l-esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-infrastruttura kondiviża fejn xieraq biex jiġu minimizzati kostijiet doppji.

Or. en

Emenda 795
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Għall-ewwel 3 snin, bil-għan li tiġi żgurata l-integrità tat-tqassim tal-euro diġitali, il-kont ta' pagament bl-euro diġitali ta' utent li diġà għandu kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali għandu jkun assoċjat b'mod kuntrattwali mal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament. Din l-assoċjazzjoni għandha tiżgura li l-operazzjonijiet ta' finanzjament u definanzjament, kif ukoll it-tranżazzjonijiet ta' pagament li jaqbżu l-limiti ta' żamma tal-euro diġitali, jiġu eżegwiti permezz tal-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali eżistenti tal-utent.

Or. en

Emenda 796
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu s-servizzi assoċjati mal-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali, sakemm ma jaġixxux bħala entità maħtura f'konformità mal-Artikolu 14b.

Or. en

Emenda 797
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu l-bidu u r-riċeviment ta' tranżazzjonjiet ta' pagament online bl-euro diġitali f'modalità online differita taħt ċerti kundizzjonijiet li għandhom jiġu definiti minn att ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Sakemm jiġi adottat dan l-att ta' implimentazzjoni, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament mhumiex meħtieġa joffru pagamenti online differiti.

Or. en

Emenda 798
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Obbligi ta' finanzjament u definanzjament ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament
	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali skont l-Artikolu 13 u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali skont it-tifsira tad-Direttiva u r-Regolament [PSD3/PSR] jistgħu jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw manwalment jew awtomatikament il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom miżmumin ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor, minn jew lejn kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali. Tali servizzi jistgħu jiġu offruti fuq bażi volontarja permezz ta' arranġamenti kuntrattwali bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament. Kull funzjonalità ta' finanzjament jew definanzjament skont dan l-Artikolu, jekk tkun ipprovduta minn fornitur ta' servizzi ta' pagament, għandha tiġi offrutai mingħajr ħlas lill-konsumaturi, ħlief meta tali operazzjonijiet jinvolvu kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali denominat f'munita oħra għajr l-euro.
	Bħala deroga mill-ewwel subparagrafu, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament imsemmijin fih għandhom jippermettu lin-negozjanti li lilhom jipprovdu s-servizzi obbligatorji ta' akkwist imniżżla fl-Anness IIa jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw awtomatikament il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom miżmumin ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor, minn jew lejn kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jkollhom kont fil-Bank Ċentrali Ewropew jew bank ċentrali nazzjonali għandhom jipprovdu aċċess għal servizzi ta' finanzjament u definanzjament tal-euro diġitali lil fornituri ta' servizzi ta' pagament li ma jkollhomx kont f'sistema ta' pagament operata mill-Bank Ċentrali Ewropew jew banek ċentrali nazzjonali oħra, b'mod oġġettiv, mhux diskriminatorju, trasparenti u proporzjonat.

2. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizz ta' finanzjament u definanzjament skont il-paragrafu 1 u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament skont l-Artikolu 13(1) għandhom jagħmlu l-funzjonalitajiet ta' finanzjament u definanzjament disponibbli:

(a) fi kwalunkwe ħin, fuq bażi kontinwa, meta l-finanzjament u d-definanzjament iseħħu permezz ta' kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali;

(b) meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi tal-euro fi flus kontanti meta l-finanzjament u d-definanzjament isiru permezz ta' karti tal-flus u muniti tal-euro. F'dan il-każ, il-funzjonalitajiet ta' finanzjament u definanzjament tal-flus kontant għall-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali għandhom jiġu pprovduti bl-istess mod bħall-forniment mill-fornitur ta' servizzi ta' pagamenti ta' servizzi ta' flus kontanti fir-rigward tal-kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali.

3. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' finanzjament u definanzjament skont il-paragrafu 1 u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament skont l-Artikolu 13(1):

(a) għandu jkollhom l-euros diġitali li jisbqu kwalunkwe limitazzjoni li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu 16 awtomatikament definanzjati għal kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali, fejn

tiġi riċevuta tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali;

(b) għandhom ikunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali għalkemm l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tal-pagatur ikunu inqas mill-ammont tat-tranżazzjoni, billi jingħibdu awtomatikament fondi minn kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali assoċjat, sakemm ikun disponibbli l-ammont żejjed tat-tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali fil-kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali tal-pagatur.

Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu funzjonalitajiet ta' finanzjament u definanzjament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament wieħed jew aktar bl-euro mhux diġitali denominat f'euro, miżmum mal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament jew ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor u dażinjat mill-utenti tal-euro diġitali.

4. Fil-każ tal-ftuħ ta' proċeduri ta' falliment kontra fornitur ta' servizzi ta' pagament li jipprovdi servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali ta' utenti tal-euro diġitali għandhom jibqgħu l-proprjetà tal-utent tal-euro diġitali u għandhom ikunu lil hinn mill-portata tal-krediturі ta' dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament. F'każ bħal dan, l-utent tal-euro diġitali jista' jaqbleb il-kont ta' pagament bl-euro diġitali għal fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor mingħajr ma jiddependi mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jkunu nfetħu proċediment ta' falliment kontrih, f'konformità mal-Artikolu 31(2), u li jkollu l-euro diġitali tiegħu definanzjat għal kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali.

5. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu disponibbli għall-

pubbliku, mingħajr ħlas, informazzjoni aċċessibbli dwar il-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali u l-kundizzjonijiet tad-distribuzzjoni tagħhom.

Or. en